Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,790, 22 ta' Frar, 2022
Taqsima A

MALTA

ATT Nru IX tal-2022

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jirregola organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali u l-amministrazzjoni tagħhom.

ACT No. IX of 2022

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to regulate social enterprise organisations and their administration.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

22 ta’ Frar, 2022

ATT Nru IX tal-2022

ATT biex jirregola organizzazzjonijiet ta’ intrapriża soċjali u l-amministrazzjoni tagħhom.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

L-ARRANĠAMENT TAL-ATT

		Artikoli
Taqsima I	Preliminari	1-2
Taqsima II	Organizzazzjonijiet ta’ Intrapriża Soċjali	3-7
Taqsima III	L-Istatut tal-Organizzazzjoni ta’ Intrapriża Soċjali	8
Taqsima IV	Xoljiment, Stralċ jew Waqfien	9-10
Taqsima V	Ir-Regolatur ta’ Organizzazzjonijiet ta’ Intrapriża Soċjali	11-15
Taqsima VI	Reġistru ta’ Organizzazzjonijiet ta’ Intrapriża Soċjali	16-23
Taqsima VII	Rikorsi lill-Qorti	24-26
Taqsima VIII	Reati	27-33

Taqsima IX Ġenerali 34

L-EWWEL SKEDA

IT-TIENI SKEDA

IT-TIELET SKEDA

IR-RABA' SKEDA

Taqsima I
Preliminari

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2022 dwar l-Intrapriża Soċjali.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-intrapriża jista' jistabbilixxi permezz ta' avviż pubblikat fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"aġenzija pubblika" tfisser kwalunkwe entità li hija stabbilita sabiex twettaq amministrazzjoni pubblika skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika jew kwalunkwe liġi oħra u tinkludi korp statutarju;

Kap. 595.

"amministratur" tfisser kwalunkwe persuna li tikkontrolla, tissorvelja jew tamministra organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali bħal direttur ta' kumpanija jew sieħeb f'soċjetà jew membru tal-kumitat ta' ġestjoni ta' koperativa u tinkludi kwalunkwe persuna oħra li twettaq dawk il-funzjonijiet ukoll taħt isem ieħor, imma m'għandhiex tinkludi *manager* jew persuna li għandha kariga eżekuttiva waqt li tkun qed twettaq funzjonijiet taħt kuntratt b'rimunerazzjoni ħlief sa fejn taġixxi bħala amministratur u biss għal dak li jirrigwarda l-funzjonijiet tagħha bħala amministratur;

"applikant" tfisser organizzazzjoni li għandha l-ħsieb li tirreġistra bħala organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali taħt dan l-Att;

"atti ta' kummerċ" għandhom ikunu dawk identifikati fl-artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Kummerċ u kwalunkwe transazzjoni anċillari jew konnessa ma' kwalunkwe wieħed mill-imsemmija atti;

Kap. 13.

"benefiċċji" tfisser kwalunkwe assistenza jew eżenzjoni mogħtija lill-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali skont l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, l-Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozji u skont it-termini ta' kull liġi jew skema oħra kif il-Ministru jista' jippreskrivi;

Kap. 123.
Kap. 463.
Kap. 325.

"benefiċċju għall-komunità" tfisser dak li persuna raġjonevoli tista' tikkunsidra bħala li hu -

(a) ta' benefiċċju għall-komunità f'Malta kollha; jew

(b) ta' benefiċċju għal sezzjoni tal-komunità f'Malta;

u għall-finijiet ta' din it-tifsira "sezzjoni tal-komunità" tfisser kwalunkwe grupp ta' individwi li:

(i) jaqsmu karatteristiċi komuni li jistgħu jkunu kklassifikati bħala għan soċjali u li jiddistingwu l-grupp ta' individwi minn membri oħra tal-komunità; u

(ii) persuna raġjonevoli tista' tikkunsidra bħala li tikkostitwixxi sezzjoni tal-komunità;

"Bord tal-Koperativi" tfisser il-Bord tal-Koperativi stabbilit taħt l-Att dwar Soċjetajiet Koperativi u tinkludi kwalunkwe persuna li teżerċita dawk is-setgħat tal-Bord kif ikun mogħti lilha mill-Bord; Kap. 442.

"entità ekkleżjastika" tfisser assoċjazzjoni ta' persuni jew universalità ta' affarijiet li huma stabbiliti mill-awtorità kompetenti ekkleżjastika jew awtorità reliġjuża oħra sabiex ikunu jistgħu, f'isem tali awtorità u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi rilevanti, iwettqu ħtieġa speċifika fdata lilhom fid-dawl tal-ġid pubbliku, inkluż it-twassil ta' tagħlim reliġjuż, il-promozzjoni ta' qima pubblika u t-teħid tar-responsabbiltà tat-twettiq ta' proġetti li huma xierqa għall-karattru tagħhom u regolati bl-istatuti tagħhom, taħt id-direzzjoni ogħla tal-imsemmija awtorità. Dawn l-entitajiet jinkludu djoċesi, parroċċi u l-istituzzjonijiet kollha tal-ħajja kkonsagrata u soċjetajiet ta' ħajja appostolika, u jinkludu organizzazzjonijiet simili ta' kwalunkwe denominazzjoni reliġjuża;

"filantropika" tfisser sabiex jittaffu l-faqar, l-uġigħ u t-tbatija u bżonnijiet umanitarji oħra;

"fondazzjoni pija" hija magħmula minn -

(a) fondazzjoni pija awtonoma, jiġifieri aggregat ta' affarijiet destinati għal għanijiet piji jew reliġjużi u stabbilita bħala persuna ġuridika mill-awtoritajiet kompetenti ekkleżjastiċi jew reliġjużi;

(b) fondazzjonijiet piji mhux awtonomi, jiġifieri affarijiet temporali li jingħataw b'xi mod lil persuna ġuridika pubblika stabbilita mill-awtorità kompetenti ekkleżjastika jew awtoritajiet reliġjużi oħra u jkollhom dmirjiet bbażati fit-tul,

liema perjodu jista' jkun determinat permezz ta' liġi applikabbli, kemm reliġjuża kif ukoll nazzjonali, u fejn dmir ibbażat fit-tul jikkonsisti f'obbligu fuq il-persuna ġuridika, li, mid-dħul annwali, tiċċelebra quddies jew ċerimonji reliġjużi, li twettaq funzjonijiet oħra ekkleżjastiċi determinati, jew sabiex ikunu mwettqa l-għanijiet piji jew reliġjużi kif imfisser fil-liġi jew fir-regoli reliġjużi applikabbli;

u "għanijiet piji jew reliġjużi" għandhom jinftiehmu bħala dawk li jikkonċernaw atti ta' pjetà, tal-appostolat, jew tal-karità, kemm spiritwali jew temporali u għandha tinkludi organizzazzjonijiet simili ta' kull denominazzjoni reliġjuża;

"Gvern" tinkludi l-Gvern ta' Malta, kwalunkwe Kunsill Lokali, kwalunkwe koperativa statutorja, aġenzija pubblika jew organizzazzjoni oħra ta' kwalunkwe forma legali kkontrollata mill-Gvern u tinkludi l-President ta' Malta;

"ħaddiem b'diżabilità" tfisser kwalunkwe persuna li hi mniżżla fir-Reġistru ta' Persuni b'Diżabilità skont it-termini u għall-finijiet tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità;

Kap. 413.

"ħaddiem żvantaġġat" tfisser kull persuna li:

(a) ma kenitx f'impjieg b'rimunerazzjoni regolari matul is-sitt xhur ta' qabel; jew

(b) għandha bejn il-ħmistax u l-erbgħa u għoxrin sena; jew

(ċ) ma jkollhiex edukazzjoni sekondarja jew kwalifika vokazzjonali (Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Istandard tal-Edukazzjoni 3) jew ilha sentejn li lestiet kors edukattiv full-time u li ma tkunx ingħatat l-ewwel impjieg full-time b'rimunerazzjoni regolari; jew

(d) għandha aktar minn ħamsin sena; jew

(e) tgħix waħedha b'dipendent wieħed jew aktar; jew

(f) taħdem f'settur jew professjoni fejn l-iżbilanċ bejn is-sessi f'Malta huwa tal-inqas ħamsa u għoxrin fil-mija ogħla mill-medja tal-iżbilanċ bejn is-sessi fis-setturi ekonomiċi kollha f'Malta, u tappartjeni għal dak il-grupp ta' sess li huwa sotto-rappreżentat; jew

(g) hija membru ta' minorità etnika f'Malta u li jeħtiġilha żvilupp fit-taħriġ lingwistiku u vokazzjonali tagħha

jew fil-profil ta' esperjenza ta' xogħol sabiex ittejjeb il-prospettiva li jkollha aċċess għal impjieg stabbli:

Iżda l-Ministru jista' permezz ta' regolamenti jistabbilixxi, u japplika konsistentement ma' Regolamenti tal-Unjoni Ewropea applikabbli, kundizzjonijiet amministrattivi jew ta' konformità li jinħolqu taħt il-liġi ta' Malta fil-kategoriji ta' hawn fuq jew iżid il-kategoriji li ġejjin ta' persuni għat-tifsira "ħaddiem żvantaġġjat":

(a) ħaddiem immigrant, kemm jekk huwa ċittadin jew resident tal-Komunità Ewropea jew ta' nazzjonalità ta' pajjiż terz, li jkun ġie Malta sabiex jaħdem u li huwa reġistrat, elenkat jew fil-pussess ta' kwalunkwe liċenzja, permessi jew dokumentazzjoni rilevanti kif jista' jkun mitlub minn żmien għal żmien minn liġi applikabbli sabiex jaħdem f'Malta, inkluża liċenzja jew permess għal impjieg jew numru tal-Assigurazzjoni Nazzjonali jew tas-sigurtà soċjali u reġistrazzjoni għall-finijiet ta' tassazzjoni; jew

(b) kwalunkwe persuna li tixtieq tidħol jew tirritorna lura fid-dinja tax-xogħol u li kienet assenti kemm mix-xogħol kif ukoll mill-edukazzjoni għal tal-anqas sentejn, u partikolarment kwalunkwe persuna li tkun telqet mix-xogħol minħabba li sabet ruħha f'diffikultà li tirrikonċilja l-ħajja tal-familja tagħha mal-ħajja tax-xogħol tagħha; jew

(ċ) kwalunkwe persuna li tkun sfat bla impjieg għal perjodu twil ta' żmien, jiġifieri persuna li tkun ilha bla impjieg għal tnax (12)-il xahar mis-sittax (16)-il xahar preċedenti; jew

(d) kwalunkwe persuna rikonoxxuta li għandha jew li kellha vizzju jew li tinsab jew kienet imniżżla fir-Reġistru tad-Dipendenti miżmum mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika skont ir-Regolamenti dwar id-Drogi (Reġistrazzjoni tad-Dipendenti); jew L.S. 31.21

(e) kwalunkwe persuna li ma jkollhiex l-ewwel impjieg full-time fiss b'rimunerazzjoni regolari minħabba li tkun qed tiskonta perjodu ta' priġunerija jew miżura penali oħra li tidher fuq iċ-Ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija ta' dik il-persuna;

"għan karitattiv" tfisser għan soċjali;

"għan soċjali" huwa għan li jservi ta' benefiċċju għall-komunità u tfisser finijiet ta' karità jew filantropiċi, u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak kollu hawn imsemmi qabel, tinkludi -

(a) l-avvanz fl-edukazzjoni, inklużi l-edukazzjoni fiżika

u l-i*sports*;

(b) l-avvanz fis-saħħa;

(ċ) l-avvanz tas-soċjetà u tal-komunità;

(d) l-avvanz tal-kultura, l-arti u l-wirt nazzjonali;

(e) l-avvanz tal-ħarsien u t-titjib ambjentali, inkluż il-ħarsien tal-annimali;

(f) il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, ir-riżoluzzjoni ta' konflitti, id-demokrazija u r-rikonċiljazzjoni; jew

(g) kwalunkwe għan li jista' jkun preskritt mill-Ministru permezz ta' regolamenti magħmula bis-saħħa ta' dan l-Att,

iżda ma jinkludix għan politiku. Għall-finijiet ta' din it-tifsira "għan politiku" tfisser il-promozzjoni tal-interessi ta' partit politiku jew kandidat politiku, kemm f'livell lokali, nazzjonali jew internazzjonali u "partit politiku" għandu jkollha t-tifsira assenjata lilha minn kwalunkwe liġi speċjali li tirregola partiti politiċi, kemm jekk huwa reġistrat bħala partit politiku jew le taħt dik il-liġi, u għall-finijiet ta' dan l-Att għandha tinkludi kwalunkwe organizzazzjoni oħra, ta' kwalunkwe forma legali, ikkontrollata minn, relatata jew affiljata mal-partit politiku jew mal-finijiet tiegħu kif imsemmi fl-istatut tiegħu jew att kostituttiv b'tali mod li jagħmluh mhux awtonomu, u l-fraži "kandidat politiku" u "organizzazzjoni politika" għandhom jinftiehmu skont hekk;

"ingaġġ" tfisser kuntratt ta' servizz għajr kuntratt ta' impjieg;

"kontrollat mill-Gvern" tfisser li l-Gvern ta' Malta għandu s-setgħa, direttament jew indirettament, li jinnomina, jaħtar, jibdel jew ineħħi kwalunkwe amministratur tal-organizzazzjoni jew l-organizzazzjoni tkun aġenzija pubblika;

"kontrollat minn, relatat jew affiljat ma' partit politiku" jew frażijiet simili tfisser, fil-każ tal-organizzazzjoni kontrollata, relatata jew affiljata -

(a) l-istatut tagħha, prospetti finanzjarji jew dokumenti oħra li jiddikjaraw espressament li hija kontrollata minn, relatata jew affiljata ma' partit politiku; jew

(b) tkun stabbilita mill-partit politiku li jsostniha finanzjarjament; jew

(ċ) l-attiv tagħha jiddevolvi fuq partit politiku ġaladarba tkun likwidata,

u, fil-każ ta' partit politiku kif imfisser fl-Att dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi, kemm jekk reġistrat taħt l-imsemmi Att jew xort'oħra: Kap. 544.

(i) għandu s-setgħa, kemm direttament jew indirettament, li jinnomina, jaħtar, jibdel jew ineħħi aktar minn nofs l-amministraturi tal-organizzazzjoni; jew

(ii) huwa benefiċjarju, fi kwalunkwe mod u fi kwalunkwe ħin, tad-dħul jew kapital tal-organizzazzjoni; jew

(iii) huwa l-benefiċjarju tal-finijiet tal-organizzazzjoni, inkluża l-promozzjoni tal-viżjoni speċifika, il-politika jew l-għanijiet tal-partit politiku jew tal-kandidati tiegħu;

"koperativa" tfisser soċjetà koperativa ffurmata f'Malta u reġistrata taħt l-Att dwar Soċjetajiet Koperativi u jekk ma tkunx koperativa Maltija, tfisser koperativa stabbilita f'Malta; Kap. 442.

"koperativa ta' intrapriża soċjali" tfisser koperativa li hija reġistrata skont dan l-Att;

"Kumitat" tfisser il-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tad-Deputati jew xi kumitat ieħor li jissostitwixxih;

"kumpanija" tfisser kumpanija ffurmata f'Malta u reġistrata taħt it-Taqsima V tal-Att dwar il-Kumpaniji, u jekk mhijiex kumpanija Maltija, tfisser kumpanija stabbilita f'Malta; Kap. 386.

"kumpanija ta' intrapriża soċjali" tfisser kumpanija li hija reġistrata skont dan l-Att;

"liġi speċjali" tfisser Att tal-Parlament jew regolamenti magħmulin taħtu li jirregolaw speċifikament forma legali jew forom ta' organizzazzjonijiet;

"linji gwida" tfisser sett ta' regoli maħruġa mir-Regolatur minn żmien għal żmien għal aktar implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, inklużi t-tifsira, l-applikazzjoni, l-amministrazzjoni, l-għoti u revoka ta' benefiċċji, skemi u arranġamenti oħra għar-regolamentazzjoni u l-ġestjoni ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali;

"livelli normali tas-suq" tfisser kwalunkwe rimunerazzjoni, onorarja, paga, salarju jew miżata li normalment tingħata:

(a) minn organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali tal-istess forma legali u li joperaw fl-istess settur jew f'settur simili ta' attività u taħt l-istess kondizzjonijiet jew kondizzjonijiet simili; u

(b) lil persuni fl-istess kariga jew f'kariga jew rwol simili u taħt l-istess kundizzjonijiet jew kundizzjonijiet simili u li għandhom l-istess kwalifiki jew simili.

Meta jiġu applikati l-prinċipji fuq imsemmija, għandha ssir referenza għal-livelli normali tas-suq prevalenti f'Malta, u, f'każ ta' organizzazzjonijiet li joperaw internazzjonalment, fil-pajjiż fejn iseħħu l-attivitajiet jew it-transazzjonijiet rilevanti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-intrapriża;

"organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali" tfisser kumpanija ta' intrapriża soċjali, soċjetà ta' intrapriża soċjali jew koperativa ta' intrapriża soċjali li hija reġistrata skont dan l-Att;

"preskritt" tfisser jew preskritt b'regolamenti magħmula mill-Ministru taħt dan l-Att jew preskritt minn linji gwida mandatorji maħruġa mir-Regolatur taħt dan l-Att, sakemm ma jkunx espressament indikat mod ieħor, u f'każ ta' kunflitt bejn ir-regolamenti magħmula mill-Ministru u l-linji gwida maħruġa mir-Regolatur fuq kwalunkwe ħaġa, ir-regolamenti għandhom jipprevalu;

"Qorti" tfisser il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sakemm ma jkunx espressament indikat xort'oħra;

"Regolatur" tfisser il-persuna maħtura skont l-artikolu 11;

"Reġistratur" tfisser ir-Reġistratur tal-Kumpaniji u l-Bord tal-Koperativi, jew kwalunkwe Reġistratur ieħor, ikun kif ikun imsemmi, li miegħu l-organizzazzjonijiet li jistgħu jikkwalifikaw bħala organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali jistgħtu jew għandhom jirreġistraw;

"Reġistratur tal-Kumpaniji" fisser ir-Reġistratur tal-Kumpaniji maħtur skont l-Att dwar il-Kumpaniji; Kap. 386.

"rimunerazzjoni" tfisser kwalunkwe onorarja, paga, salarju, miżata jew kwalunkwe ħlas għal servizzi, kemm taħt kuntratt jew xort'oħra, iżda m'għandhiex tinkludi r-rifużjoni ta' xi spejjeż li jsiru f'isem xi organizzazzjoni;

"sena finanzjarja" tfisser il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena sakemm ma jkunx deċiż xort'oħra fl-istatut tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali jew xort'oħra skont il-liġi applikabbli;

"sena kalendarja" tfisser il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena;

"settur ta' intrapriża soċjali" tinkludi organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali u l-impjegati tagħhom, l-amministraturi ta' dawk l-organizzazzjonijiet u kwalunkwe voluntiera li jappoġġjaw dawk l-organizzazzjonijiet;

"soċjetà" tfisser soċjetà kummerċjali ffurmata f'Malta u reġistrata taħt it-Taqsima III jew IV tal-Att dwar il-Kumpaniji, u f'każ li ma tkunx soċjetà Maltija, tfisser soċjetà stabbilita f'Malta; Kap. 386.

"soċjetà ta' intrapriża soċjali" tfisser soċjetà li hija reġistrata skont dan l-Att;

"stabbilita" tfisser organizzazzjoni li, billi għandha stabbiliment permanenti jew fergħa f'Malta, hija reġistrata taħt it-Taqsima XI tal-Att dwar il-Kumpaniji jew taħt dispożizzjonijiet simili oħra taħt liġi applikabbli u f'każ ta' koperativa, hija rikonoxxuta wkoll bħala koperativa barranija mill-Bord tal-Koperativi; Kap. 386.

"statut" tfisser il-memorandum u statut ta' assoċjazzjoni ta' kumpanija, att ta' soċjetà jew statut ta' koperativa li jipprovdi għat-twaqqif ta' dik l-organizzazzjoni skont kif ikun il-każ;

"voluntier" tfisser persuna li tipprovdi servizzi mingħajr ħlas permezz ta' jew għal organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali iżda li tista' tirċievi rifużjoni ta' kwalunkwe spiża raġonevoli li tkun saret f'konnessjoni ma' dawn is-servizzi.

(2) Termini li mhumiex speċifikament imfissra f'dan l-Att għandu jkollhom it-tifsira mogħtija lilhom taħt il-liġi rilevanti li tirregola l-forma legali tal-organizzazzjoni li tikkwalifikaha bħala organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali taħt dan l-Att.

(3) F'każ ta' kumpaniji ta' intrapriża soċjali, soċjetajiet ta' intrapriża soċjali u koperativi ta' intrapriża soċjali, l-Att dwar il-Kumpaniji jew l-Att dwar Soċjetajiet Koperativi, skont ma jkun il-każ, għandhom jinftiehmu b'mod li jiffaċilita l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għall-forma legali partikolari, u dan, irrispettivament mid-dispożizzjonijiet speċifiċi indikati fl-Iskedi intenzjonati għall-istess għan. Kap. 386. Kap. 442.

(4) Dan l-Att huwa intiż sabiex jirrifletti l-prinċipji fir-Regolament tal-Kummissjoni Ewropea Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 kif l-istess jista' jiġi emendat jew sostitwit minn żmien għal żmien u dan l-Att għandu jiġi interpretat b'mod konsistenti ma' dak ir-Regolament.

Taqsima II
Organizzazzjonijiet ta' Intrapriża Soċjali

Twaqqif u regolamentazzjoni ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali.

3. (1) Organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali hija waħda:

(a) li hija mwaqqfa f'forma legali ta' kumpannija, soċjetà jew koperativa u li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Iskeda applikabbli;

(b) li hija stabbilita:

(i) għat-twettiq ta' kwalunkwe att tal-kummerċ jew attività oħra li prinċiparjament hija mmirata, permezz tal-attività nfisha, għat-tisħiħ ta' għan soċjali għall-benefiċċju tal-komunità; jew

(ii) għat-twettiq ta' kwalunkwe att tal-kummerċ jew attività oħra bil-għan li jiġu integrati fis-suq tax-xogħol ħaddiema żvantaġġati jew b'diżabilità;

(ċ) li mhijiex ikkontrollata mill-Gvern; u

(d) li hija reġistrata mar-Regolatur skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att bħala organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali:

Iżda għall-finijiet ta' dan l-Att, ir-rekwiżiti hawn fuq imsemmija għandhom jibqgħu fis-seħħ matul l-eżistenza tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali.

(2) Organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għandha:

(a) f'każ ta' kumpanija ta' intrapriża soċjali tkun regolata bid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar il-Kumpaniji kif modifikati bid-dispożizzjonijiet tal-Ewwel Skeda; Kap. 386.

(b) f'każ ta' soċjetà ta' intrapriża soċjali tkun regolata bid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar il-Kumpaniji kif modifikati bid-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda; u Kap. 386.

(ċ) f'każ ta' koperativa ta' intrapriża soċjali tkun regolata bid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar is- Kap. 442.

Soċjetajiet Koperativi kif modifikati bid-dispożizzjonijiet tat-Tielet Skeda.

(3) Sakemm il-Ministru jagħmel regolamenti f'dan ir-rigward, organizzazzjonijiet ta' forom legali oħra, li ma jkunux kumpaniji, soċjetajiet jew koperativi, ma jkunux jistgħu jiġu reġistrati bħala organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att:

Iżda organizzazzjonijiet oħra, inklużi fondazzjonijiet piji, entitajiet ekkleżjastiċi u organizzazzjonijiet volontarji, kemm jekk reġistrati jew le taħt l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, jistgħu jkunu detenturi tal-ishma kollha jew ta' xi wħud minnhom ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali. Kap. 492.

4. (1) Għall-finijiet tal-artikolu 3, organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għandha tkun ikkunsidrata li: Kwalifiki.

(a) twettaq atti tal-kummerċ jew attivitajiet oħra li prinċiparjament huma mmirati, permezz tal-attività nfisha, għat-twettiq ta' għan soċjali għall-benefiċċju tal-komunità meta tal-anqas sittin fil-mija tad-dħul totali tagħha f'xi sena finanzjarja jkun miksub minn dak l-att tal-kummerċ jew attività oħra; jew

(b) twettaq att tal-kummerċ jew attività oħra bil-għan li tintegra fis-suq tax-xogħol ħaddiema żvantaġġati jew b'diżabilità meta mhux anqas minn tletin fil-mija tan-numru totali ta' ħaddiema ingaġġati jew impjegati fuq bażi *full-time*, fi kwalunkwe kariga, huma ħaddiema żvantaġġati jew b'diżabilità.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1)(b), il-ħtieġa minima ta' tletin fil-mija tal-impjegati full-time b'diżabilità jew ħaddiema żvantaġġati tista' tiġi wkoll sodisfatta b'numru akbar ta' persuni eliġibbli li jaħdmu fuq bażi part-time iżda li b'mod kumulattiv jaħdmu sigħat ekwivalenti għan-numru ta' sigħat meħtieġ minn full-timers.

(3) Organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali tista' tagħmel użu mis-servizzi ta' voluntiera li jipparteċipaw fl-attività ta' dik l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali.

5. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), il-qligħ iġġenerat mill-attivitajiet ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali jista': Dħul ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali.

(a) jiġi użat fi kwalunkwe mod kif jista' jiġi determinat mill-amministraturi sabiex jikbsu l-għanijiet tal-organizzazzjoni

kif stabbilit fl-istatut;

(b) jinżamm u jiġi trasferit f'kont ta' riserva għall-użu futur;

(ċ) jintuża sabiex jiġu kapitalizzati l-profitti tagħha; jew

(d) jintuża kif jista' jkun preskritt u b'mod li huwa konsistenti mat-twettiq tal-għan li għalih ġiet imwaqqfa l-organizzazzjoni.

(2) Minkejja kwalunkwe ħaġa msemmija fl-istatut ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali jew fi kwalunkwe liġi oħra applikabbli, ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) biss tal-profitti ġġenerati fuq perjodu ta' tliet (3) snin konsekuttivi mill-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali jistgħu jiġu mqassma u ma għandux ikun permess li xi persuna, kemm jekk organizzazzjoni ta' interess privat kif ukoll organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt, tibbenefika direttament jew indirettament minn aktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-profitti permezz ta' ishma jew interessi oħra f'dik l-organizzazzjoni, jew fi kwalunkwe mod ieħor.

(3) L-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għandu jkollha l-obbligu li żżomm rekords ta' kontribuzzjonijiet kapitali li jkunu saru lill-organizzazzjoni liema rekords għandhom juru b'mod ċar li huma distinti minn kwalunkwe profitti li huma sussegwentement kapitalizzati inkluż meta jkunu kapitalizzati kontra l-ħruġ ta' ishma jew interessi oħra lill-azzjonisti jew imsieħba fl-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali. Xejn f'dan l-artikolu m'għandu jipprojbixxi t-tnaqqis ta' jew ir-ritorn fuq kapital favur persuna li għandha xi ishma jew interessi f'xi organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali sakemm dan ma jirriflettix qligħ kapitalizzat u jekk inhu hekk, ma jeċċedix il-limiti fis-subartikolu (2) u l-organizzazzjoni għandha fondi disponibbli wara li tkun kopriet għal kwalunkwe telf.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), kull persuna, inkluż azzjonist f'organizzazzjoni jew xi persuna li jkollha interess fl-organizzazzjoni, jistgħu jirċievu dħul minn organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għall-benefiċċju personali tagħhom fil-każijiet li ġejjin:

(a) dħul minn kuntratti ta' impjiegi jew ingaġġjar;

(b) dħul minn bejgħ ta' affarijiet jew servizzi;

(ċ) imgħaxijiet fuq self mogħti lil organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali sabiex ikun iffinanzjat l-iżvilupp jew l-operat

ta' dik l-organizzazzjoni wkoll meta dak id-dħul huwa pagabbli fuq bond jew strument finanzjarju ieħor:

Iżda dak id-dħul jew imgħax m'għandhomx jiġu ttrattati bħala parteċipazzjoni fil-profitti tal-organizzazzjoni u m'għandhomx ikunu kkunsidrati li jiffurmaw parti mill-massimu ta' ħamsa u għoxrin fil-mija tal-profitti msemmija fis-subartikolu (2).

(5) Organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali m'għandhiex:

(a) tħallas amministratur b'rata li hija ogħla mil-livelli normali tas-suq sakemm dik l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali ma tkunx sodisfatta li l-amministratur għandu ħiliet speċifiċi li l-organizzazzjoni teħtieġ, f'liema każ, il-ħlas jista' jeċċedi l-livell normali tas-suq b'perċentwali li tkun stipulata fil-linji gwida maħruġa mir-Regolatur jew kif approvat minnu xort'oħra;

(b) tħallas xi persuna, kemm jekk impjegata jew xort'oħra, b'salarju, paga jew miżata li tkun ogħla mil-livell normali tas-suq sakemm l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali ma tkunx sodisfatta li f'dak il-każ partikolari japplikaw kundizzjonijiet speċifiċi;

(ċ) tħallas imgħax jew rimunerazzjoni oħra fuq self jew strumenti finanzjarji li jinġabru jew jinkisbu minn organizzazzjonijiet li mhumiex istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu liċenzjati ħlief skont il-kundizzjonijiet applikabbli tas-suq jew, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx jeċċedu l-limiti permessi bl-artikolu 986 tal-Kodiċi Ċivili jew li huma mod ieħor permissibbli skont xi liġi oħra; jew Kap. 16.

(d) tħallas prezz għal kwalunkwe proprjetà akkwistata li jkun ogħla minn dak ġeneralment stabbilit fis-suq għal dik il-proprjetà bl-esklużjoni ta' bejgħ bi skontijiet speċjali jew arranġamenti speċjali oħra:

Iżda l-bażi li fuqha l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali tkun sodisfatta b'dik il-konformità għandha tiġi reġistrata b'dettall suffiċjenti fil-minuti tal-laqgħa tal-amministraturi meta tittieħed dik id-deċiżjoni, liema minuti għandhom jiġu sottomessi lir-Regolatur fuq talba bil-miktub:

Iżda wkoll f'każ li wieħed mil-limiti fuq imsemmija jeċċedi:

(a) jekk għall-benefiċċju ta' xi detentur ta' xi ishma jew imgħaxijiet, is-somma mħallsa lilu b'eċċess tal-livelli ta' suq kif

indikat hawn qabel ikun ikkunsidrat li jkun akkont tal-ħamsa u għoxrin fil-mija permessi li jitħallsu lilu; u

(b) jekk għall-benefiċċju ta' parti terza, l-eċċess ikun jinġieb għall-attenzjoni tal-amministraturi li għandhom ikunu intitolati li jagħmlu dikjarazzjonijiet dwar il-kwistjoni lir-Regolatur u, jekk ikun wieħed mhux ġust, l-eċċess għandu jew jitħallas lura lill-organizzazzjoni fiż-żmien stipulat mir-Regolatur jew ir-Regolatur jista' jipproċedi bil-kanċellament tar-reġistrazzjoni u t-talba għal riverżjoni ta' kwalunkwe benefiċċju skont dan l-Att.

(6) Fil-każ ta' dawk l-organizzazzjonijiet li huma reġistrati bħala organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(1)(b)(i), l-amministraturi għandhom jippruvaw iżommu livell ta' spejjeż għal persuni li huma impjegati jew ingaġġati li ma għandux jippreġudika materjalment il-funzjonament kontinwu tal-organizzazzjoni tal-intrapriża soċjali. Ir-Regolatur jista' joħroġ linji gwida dwar il-livell ta' dawn l-ispejjeż kif ukoll dwar il-mod u ż-żmien stipulat li fih dan l-obbligu għandu jiġi vvalutat.

(7) Għandha tkun ir-responsabilità tal-amministraturi ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali li jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Meta *accountant*, evalwatur jew awditur jiġi ingaġġat sabiex jevalwa l-kontijiet ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali, dak l-*accountant*, evalwatur jew awditur għandu jinnotifika lill-amministraturi bil-miktub, b'kopja lir-Regolatur, jekk l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali tkunx eċċediet il-limiti stabbiliti b'dan l-Att. F'dak il-każ, ir-Regolatur għandu jinnotifika lill-amministraturi żmien perentorju sabiex josservaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, li m'għandux ikun inqas minn disgħin ġurnata u li l-massimu tiegħu jkun stabbilit mir-Regolatur abbażi ta' każ b'każ.

(8) It-twettiq tal-għanijiet li għalihom id-dħul tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali hu applikat għandu jkun dmir fiduċjarju espress li jkun vinkolanti fuq l-amministraturi tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali u l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali nfisha.

(9) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw irrispettivament mill-mod li bih il-persuni involuti fl-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali jkollhom ishma jew drittijiet parteċipanti oħra fiha u f'każ ta' konflitt bejn dan l-artikolu u dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jipprevalu.

Benefiċċji.

6. (1) Organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali tista', bla ħsara għall-osservanza ta' dan l-Att u għad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi, tgawdi mill-benefiċċji offruti f'dan l-Att u fir-regolamenti magħmula taħtu.

(2) Meta tirċievi benefiċċji, organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali ma tistax tittrasferixxi jew tassenja b'mod sħiħ jew f'parti minnu kwalunkwe benefiċċju mogħti permezz ta' dan l-Att lil xi persuna oħra.

(3) Meta jagħti benefiċċji lil organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali, il-Gvern jew kwalunkwe entità oħra għandhom jikkonsultaw u għandhom joqogħdu fuq l-informazzjoni misjuba fir-Reġistru ta' Organizzazzjonijiet ta' Intrapriża Soċjali miżmum mir-Regolatur.

(4) F'każ li organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali ma toperax bħala tali organizzazzjoni fit-tnax-il xahar konsekuttivi wara li tkun irċeviet xi benefiċċju, u sussegwentement titneħħa mir-Reġistru skont dan l-Att, tali organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għandha tirrifondi kull benefiċċju li tkun irċeviet b'referenza għall-perjodu li fih ma kenitx qed topera u n-nuqqas li tagħmel dan jikkostitwixxi reat taħt dan l-Att. Dan l-artikolu għandu japplika skont ir-regolamenti u l-linji gwida li jistgħu jinħarġu minn żmien għal żmien.

Rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali.

7. Il-Gvern, dipartimenti tal-gvern, aġenziji pubbliċi u entitajiet ikkontrollati mill-Gvern għandhom jaġixxu skont ċertifikat ta' rikonoxximent maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 18, bħala evidenza tal-istatus ta' organizzazzjoni bħala organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali, u ma għandhomx jeħtieġu ebda evidenza oħra tal-eżistenza jew status tal-organizzazzjoni meta jkunu qed jittrattaw ma' dik l-organizzazzjoni:

Iżda dak iċ-ċertifikat ma jimplikax xi eżenzjoni ta' dik l-organizzazzjoni minn xi proċedura, dmir, obbligu, responsabilità, miżati jew drittijiet sakemm ma jkunx espressament indikat fil-liġi, regolament jew politika applikabbli.

Taqsima III
L-Istatut tal-Organizzazzjoni ta' Intrapriża Soċjali

Il-kontenut tal-istatut.

8. (1) Il-kontenut tal-istatut ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għandu jkun irregolat minn liġi li tkun applikabbli għall-forma legali partikolari bil-modifiki li huma msemmija f'dan l-Att u l-Iskeda rilevanti, skont ma jkun il-każ, u f'każ ta' kunflitt, id-dispożizzjonijiet applikabbli ta' dan l-Att u l-Iskeda rilevanti għandhom jipprevalu.

(2) L-istatut ta' applikant għandu jkun konformi mal-ħtiġiet li

ġejjin sabiex ikun eliġibbli għal reġistrazzjoni bħala organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali:

(a) l-isem tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għandu jkun konformi mas-subartikolu (3);

(b) l-għanijiet li għalihom l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali tkun twaqqfet għandhom jiddikjaraw li l-organizzazzjoni tkun twaqqfet:

(i) għat-twettiq ta' att tal-kummerċ jew attività oħra li hija prinċiparjament immirata, permezz tal-attività nfisha, sabiex jitwettaq għan soċjali għall-benefiċċju tal-komunità u, f'dak il-każ, l-għan soċjali għandu jkun espressament dikjarat; jew

(ii) għat-twettiq ta' att tal-kummerċ jew attività oħra bil-għan li jiġu integrati ħaddiema b'diżabilità jew ħaddiema żvantaġġati fis-suq tax-xogħol;

(ċ) l-istatut għandu wkoll:

(i) jiddikjara li l-organizzazzjoni hija organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali skont dan l-Att;

(ii) jiddikjara li l-investimenti fl-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali biex jiġu riċevuti profitti ma għandhomx jintitolaw ebda persuna li tipparteċipa f'total ta' aktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-profitti tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali skont l-artikolu 5;

(iii) jirrestrinġi d-drittijiet tal-ishma parteċipanti, jew kontribuzzjonijiet, jew xi interess ieħor skont il-każ fl-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali sabiex tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u rinunzja tad-drittijiet parteċipanti f'xoljiment u fi stralċ;

(iv) jipprovdi għall-mod li fih l-attiv li jkun fadal, jekk ikun hemm, tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali jiddevolvi meta jkun hemm xoljiment u stralċ, liema dispożizzjoni għandha tkun konformi mal-artikolu 9.

(3) L-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għandha tkun identifikabbli b'isem uniku li għandu jkun konformi mal-liġi applikabbli u li għandu jinkludi l-kliem "Intrapriża Soċjali" jew "SEO" fl-isem tagħha.

(4) L-ebda organizzazzjoni oħra ma hi permessa li tuża l-kliem

"Intrapriża Soċjali" jew il-kliem "SEO" fl-isem tagħha sakemm ma tkunx reġistrata skont dan l-Att u kwalunkwe ksur ta' dan is-subartikolu għandu jammonta għal reat taħt dan l-Att.

(5) Ir-Regolatur għandu jirrifjuta r-reġistrazzjoni jekk, fl-aħjar għarfien tiegħu, isem l-applikant diġà qed jintuża minn organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali oħra jew jekk l-isem propost huwa offensiv jew jista' jagħti l-każ li jqarraq:

Iżda fl-eventwalità li organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali tkun irreġistrata b'isem li diġà qed jintuża minn organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali oħra, ir-Regolatur għandu jitlob lill-organizzazzjoni tal-intrapriża soċjali li tkun ġiet irreġistrata l-aħħar sabiex tibdel isimha.

(6) Żidiet jew alterazzjonijiet fl-istatut ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għandhom jiġu notifikati lir-Regolatur fi żmien erbatax-il ġurnata mid-data tar-reġistrazzjoni mar-Regolatur tar-riżoluzzjoni jew deċiżjoni, liema informazzjoni għandha tiġi sottomessa lir-Regolatur flimkien ma' kwalunkwe verżjoni konsolidata tal-istatut ippreżentata lir-Reġistratur.

Taqsima IV
Xoljiment, Stralċ jew Waqfien

Xoljiment u stralċ.

9. Meta jseħħ xoljiment jew stralċ ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali skont il-liġi applikabbli għall-forma legali tagħha, kwalunkwe attiv wara l-pagament tal-passiv kollu għandu jitħallas:

(a) lil organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali oħra espressament identifikata fl-istatut li għandha għanijiet simili għall-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali li qed tiġi xolta; jew

(b) lil organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali identifikata mill-membri f'deċiżjoni appoġġjata minn tal-inqas ħamsa u sebgħin fil-mija tal-membri kollha u tal-inqas maġġoranza tal-amministraturi preżenti waqt laqgħa tal-amministraturi; jew

(ċ) f'każ ta' xi ostakolu li ma jistax jiġi megħlub bil-mod fuq imsemmi, lil organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali identifikata mill-Qorti Ċivili fil-ġuriżdizzjoni volontarja tagħha wara rikors magħmul minn xi amministraturi tal-organizzazzjoni tal-intrapriża soċjali li qed tiġi xolta; jew

(d) bi kwalunkwe mod ieħor kif jista' jkun preskritt:

Iżda fil-każ ta' kwalunkwe qligħ li jkun ġie kapitalizzat u mhux imqassam kif permess taħt dan l-Att lid-

detenturi tal-ishma jew interessi f'organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali, l-organizzazzjoni tista' tqassam dak il-qligħ kapitalizzat lid-detenturi tal-ishma jew interessi limitatament sal-ammont li ma jeċċedix il-ħamsa u għoxrin fil-mija tal-qligħ kapitalizzat li jkun ammont li huwa kkalkulat wara li l-organizzazzjoni tkun ħallset il-passiv kollu tagħha u tkun ipprovdiet adegwatament għal kwalunkwe telf.

Waqfien mill-organizzazzjoni.

10. (1) Għandu jkun obbligu fuq l-amministraturi kollha ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali li għal kwalunkwe raġuni tieqaf topera bħala tali jew tieqaf milli tikkwalifika bħala organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali skont dan l-Att li jġibu l-fatti għall-attenzjoni tar-Regolatur fi żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol, u f'dak il-każ, ir-Regolatur għandu jħassar ir-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali.

(2) L-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali tista' tirriżolvi li ma tkomplix topera bħala tali permezz ta' riżoluzzjoni tad-detenturi tal-ishma jew interessi parteċipanti fiha u tista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tirriżolvi li tkompli l-operat tal-organizzazzjoni mingħajr il-benefiċċji ta' dan l-Att, f'liema każ l-artikolu 22(2) u (5) għandu japplika *mutatis mutandis*.

Taqsima V
Ir-Regolatur ta' Organizzazzjonijiet ta' Intrapriża Soċjali

Ħatra tar-Regolatur.

11. (1) Għandu jkun hemm Regolatur ta' Organizzazzjonijiet ta' Intrapriża Soċjali li għandu jinħatar mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-Kumitat għal dak il-għan.

(2) Ir-Regolatur għandu jinħatar għal perjodu ta' tliet snin u jista' jerġa jinħatar malli jiskadilu ż-żmien tal-kariga għal perjodu ieħor jew aktar perjodi.

(3) Persuna m'għandhiex tikkwalifika sabiex tinħatar jew tkompli tokkupa l-kariga ta' Regolatur jekk dik il-persuna:

(a) tkun Imħallef, Maġistrat, Membru tal-Kamra jew ta' Kunsill Lokali, jew tkun qiegħda tikkandida ruħha għall-elezzjoni fil-Kamra, f'Kunsill Lokali jew fil-Parlament Ewropew; jew

(b) hi legalment inkapaċitata jew interdetta; jew

(ċ) ġiet dikjarata falluta jew għamlet kompożizzjoni jew arranġament mal-krediturі tagħha; jew

(d) instabet ħatja ta' reat li jaffettwa l-fiduċja pubblika,

ta’ serq jew frodi, jew li xjentement irċeviet proprjetà, akkwistata b’serq jew frodi, reat li jaffettwa l-bon ordni tal-familja jew ta’ reat kontra dan l-Att.

(4) Matul il-perjodu li fih taġixxi bħala Regolatur, dik il-persuna m’għandhiex ikollha kariga oħra li tirriżulta f’kunflitt ta’ interess jew tkun inkompatibbli mat-twettiq korrett tal-obbligi uffiċjali tagħha bħala Regolatur jew mal-imparzjalità mistennija minn din il-kariga jew mill-fiduċja pubblika f’dik il-kariga.

(5) Meta l-kariga tar-Regolatur issir vakanti, persuna maħtura bħala Regolatur għandha tokkupa l-kariga b’mod temporanju sakemm jinħatar suċċessur u, bla ħsara għall-kwalifiki fis-subartikolu (3), il-Ministru jista’, fi kwalunkwe żmien, matul l-assenza tar-Regolatur jew għal kwalunkwe għan temporarju ieħor li l-Ministru jikkunsidra li hu neċessarju li jagħmel dan, jaħtar persuna sabiex taġixxi fil-kariga ta’ Regolatur, sakemm ir-Regolatur jerġa’ jassumi l-kariga tiegħu.

(6) Il-Ministru jista’ jaħtar Viċi Regolatur wieħed jew aktar sabiex jassistu lir-Regolatur kif ordnat minnu u fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

(7) Ir-Regolatur jista’ jirċievi dik ir-rimunerazzjoni kif il-Ministru jista’ jistabbilixxi u għandu jingħata bini u numru adegwat ta’ ħaddiema sabiex jitwettqu l-funzjonijiet assenjati lilu taħt dan l-Att. L-uffiċjali u l-ħaddiema maħtura sabiex jassistu lir-Regolatur għandhom jirċievu dik ir-rimunerazzjoni kif il-Ministru jista’ jistabbilixxi.

Tneħħija mill-kariga.

12. (1) Ir-Regolatur jista’, fi kwalunkwe żmien, jitneħħa jew jiġi sospiż mill-kariga mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-Kumitat minħabba f’inkapaċità ppruvata li jwettaq id-dmirijiet tal-kariga tiegħu bħala Regolatur jew minħabba f’imġiba ħażina ppruvata:

Iżda jekk il-Kumitat ma jkunx kostitwit jew jekk il-Parlament ma jkunx qed jiltaqa’, ir-Regolatur jista’ jkun sospiż mill-kariga mill-Ministru, li jaġixxi skont id-diskrezzjoni tiegħu nnifsu, minħabba f’inkapaċità ppruvata li jaqdi l-funzjonijiet tal-uffiċċju jew minħabba mġiba ħażina ppruvata għas-sodisfazzjon tal-Ministru, imma kwalunkwe sospensjoni bħal dik m’għandhiex tibqa’ fis-seħħ għal żmien aktar minn xahrejn (2) minn meta jiġi kostitwit il-Kumitat u jkun qed jiltaqa’ l-Parlament.

(2) Ir-Regolatur jista’, fi kwalunkwe żmien, jirreżenja mill-kariga permezz ta’ nota bil-miktub indirizzata lill-Ministru.

Funzjonijiet tar-Regolatur.

13. (1) Ir-Regolatur għandu jwettaq id-dmirijiet u jeżerċita l-funzjonijiet imposti fuqu u mogħtija lilu b'dan l-Att bi kwalunkwe regolament magħmul taħtu inkluż:

(a) li jipprovdi faċilitajiet ta' reġistrazzjoni għal applikanti li huma eliġibbli għal reġistrazzjoni skont dan l-Att;

(b) li jaċċetta jew jirrifjuta applikazzjonijiet minn applikanti biex jirreġistraw bħala organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali skont dan l-Att;

(ċ) li jżomm u jaġġorna r-Reġistru ta' Organizzazzjonijiet ta' Intrapriża Soċjali;

(d) li jissorvelja l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali sabiex jiżgura li dawn ikunu konformi mal-istatut, mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kwalunkwe regolamenti u kwalunkwe linji gwida magħmula taħtu u li jiżgura li l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali timplimenta l-politika meħtieġa, ir-regolamenti u l-istrutturi ta' rappurtaġġ li jiżguraw ir-responsabbiltà u t-trasparenza fl-operazzjonijiet tagħhom;

(e) li jissorvelja l-imġiba tal-amministraturi ta' organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali sabiex jiżgura li jiġu osservati standards għoljin ta' responsabilità u trasparenza u konformità mal-liġi;

(f) li jinvestiga kwalunkwe lmenti relatati ma' organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali jew organizzazzjonijiet li jagħtu lil wieħed x'jifhem li huma organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali u l-attivitajiet tagħhom, li jinvestiga *ex officio* kwalunkwe organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għal xi nuqqasijiet u li jieħu dik l-azzjoni fil-parametri tas-setgħat tiegħu sabiex jirrimedja kwalunkwe lment ġustifikat li jiġi għall-attenzjoni tiegħu, inkluż li jirrikorri għand il-Pulizija bis-sejbiet tiegħu;

(g) li jiżgura li l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali tilħaq l-għanijiet tagħha u tħares il-bażi tal-kapital tagħha filwaqt li tiżviluppa l-eċċessi operattivi tal-iżvilupp sabiex tiżgura sostenibilità;

(h) li jikkordina u jikkomunika ma' kull Reġistratur u ma' kwalunkwe awtorità kompetenti:

(i) biex jiffaċilita l-proċessi ta' reġistrazzjoni għal organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali u biex jiżgura

l-ħarsien kontinwu u l-eleġibilità ta' organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali skont dan l-Att;

(ii) li jistabbilixxi proċeduri sabiex jiżgura li r-Regolatur u kull Reġistratur huma konxji dwar l-istatus ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali fiż-żminijiet kollha u ta' kwalunkwe investigazzjoni jew azzjoni li tkun qed tittieħed fir-rigward dik l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali;

(i) li jippromwovi s-settur tal-intrapriża soċjali, jiżviluppa l-koperazzjoni bejn organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali u l-Gvern u l-koperazzjoni bejn organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali bejniethom;

(j) li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru dwar leġiżlazzjoni u politika li jappoġjaw lill-organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali u s-settur tal-intrapriża soċjali b'mod ġenerali;

(k) li jassisti lill-Gvern, id-dipartimenti tal-Gvern, aġenziji pubbliċi, awtoritajiet u entitajiet kontrollati mill-Gvern fit-tħejjija u l-evalwazzjoni ta' politika b'appoġġ għal organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali u s-settur tal-intrapriża soċjali b'mod ġenerali;

(l) li jwettaq kull funzjoni oħra jew dmir ieħor li jkunu ġew assenjati lilu taħt dan l-Att u kull regolament magħmul taħtu kif ukoll dawk il-funzjonijiet l-oħra li jistgħu jiġu assenjati lilu taħt kwalunkwe liġi oħra;

(m) li jestendi dawn ir-regolamenti u l-obbligi lil organizzazzjonijiet oħra li huwa jikkonsidra li jkunu qegħdin jilħqu l-istess objettivi stabbiliti fil-liġi. F'dawn l-istanzi, ir-Regolatur ikun jista' japplika derogi temporanji fir-rigward ta' tqassim tal-profitti, l-ingaġġ ta' voluntiera u l-impjieg ta' ħaddiema żvantaġġati skont l-esiġenza tal-każ.

(2) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, ir-Regolatur għandu jaġixxi b'mod imparzjali u m'għandux ikun soġġett għal xi ordni ta' kwalunkwe persuna jew awtorità oħra.

(3) Ir-Regolatur jista' bil-miktub minnu stess, jiddelega lil kwalunkwe persuna oħra funzjonijiet, setgħat u awtoritajiet speċifiċi assenjati jew mogħtija lilu b'dan l-Att jew kwalunkwe liġi oħra, u jista' fi kwalunkwe żmien jirrevoka jew ivarja dik id-delega:

Iżda ebda delega m'għandha titqies li tneħħi lir-Regolatur

xi waħda mill-funzjonijiet, setgħat jew awtoritajiet tiegħu u hu jista', jekk jaħseb li hu xieraq, jeżerċita dawk il-funzjonijiet, setgħat jew awtoritajiet kollateralment mal-persuna hekk delegata.

Kap. 174.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 72 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika m'għandhomx japplikaw għar-Regolatur jew kwalunkwe persuna li tkun qed twettaq il-funzjonijiet tiegħu skont dan l-Att.

Funzjonijiet oħra tar-Regolatur.

14. (1) Ir-Regolatur għandu jinkoraġġixxi ambjent fejn il-kredibilità u r-reputazzjoni tajba tas-settur tal-intrapriża soċjali ta' trasparenza u kuxjenza pubblika u responsabilità xierqa jiġu mtejba kontinwament permezz ta' standards għoljin tal-operat ta' organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali u l-amministraturi tagħhom.

(2) Ir-Regolatur għandu jippromwovi u jiffaċilita l-iżvilupp tas-settur tal-intrapriża soċjali billi jikkonforma mad-dmirijiet imposti u mogħtija lilu b'dan l-Att u kwalunkwe regolament magħmul taħtu inkluż:

(a) li jipprovdi assistenza dwar kull materja relatata ma' organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali; u

(b) li jippromwovi u jippubbliċizza kwalunkwe miżura li tappoġġja lis-settur tal-intrapriża soċjali.

(3) Sabiex jimplimenta bl-aħjar mod kif ukoll jissalvagwardja l-prinċipji ta' dan l-Att, ir-Regolatur jista' joħroġ linji gwida vinkolanti dwar:

(a) is-settur tal-intrapriża soċjali b'mod ġenerali u organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali u l-attivitajiet tagħhom u l-ħtiġiet, benefiċċji u obbligi li joħroġu mir-reġistrazzjoni skont dan l-Att;

(b) meta għan soċjali jista' jiġi kkunsidrat ta' benefiċċju għall-komunità jew parti mill-komunità;

(ċ) persuni involuti f'organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali, inklużi -

(i) ir-rimunerazzjoni tagħhom, sa fejn jaġixxu bħala amministraturi;

(ii) l-impjieg jew l-ingaġġar tagħhom u r-rimunerazzjoni li għandha titħallas lilhom; u

(iii) il-provista ta' affarijiet jew servizzi

mingħandhom skont kuntratt ta' ingaġġar lil organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali, inkluż permezz ta' voluntiera,

u dan għall-aħjar twettiq tar-rwol tagħhom u għall-aħjar kisba tal-għanijiet tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali li fiha jservu;

(d) l-għoti ta' self jew għajnuna finanzjarja oħra ma' jew lil organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali;

(e) il-bejgħ ta' affarijiet jew servizzi lil organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali; u

(f) ir-rati rilevanti tas-suq jew marġini applikabbli għal organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali.

(4) Ir-Regolatur jista' jitlob kwalunkwe informazzjoni minn kull entità tal-Gvern, awtorità pubblika jew dipartiment sabiex iwettaq dmirijietu u dawk l-entitajiet għandhom jikkoperaw mar-Regolatur kif mitlub fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, u dan, f'konformità ma' kwalunkwe liġi speċjali li tista' tkun applikabbli:

Iżda l-informazzjoni miksuba taħt dan l-artikolu tista' tintuża biss sal-limiti u biss għall-finijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u sabiex ikun evitat kull abbuż u għandha tinżamm b'mod kunfidenzjali mir-Regolatur taħt l-istess obbligu ta' kunfidenzjalità li jorbot l-entità l-oħra li tipprovdi l-informazzjoni.

Rapport annwali.

15. (1) Ir-Regolatur għandu, mhux aktar tard minn tmien ġimgħat wara tmiem kull sena kalendarja, jagħmel u jippreżenta lill-Ministru rapport annwali li għandu jinkludi:

(a) rapport tal-attivitajiet tar-Regolatur matul is-sena preċedenti inkluż dawk relatati mal-monitoraġġ ta' organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali;

(b) deskrizzjoni ġenerali taċ-ċirkostanzi tas-settur tal-intrapriża soċjali f'Malta u kwalunkwe żviluppi li setgħu jaffettwaw dak is-settur;

(ċ) kull rakkomandazzjoni dwar leġiżlazzjoni, regolamentazzjoni, politika jew affarijiet oħra li jaffettwaw is-settur tal-intrapriża soċjali; u

(d) il-kontijiet u rekords oħra finanzjarji msemmija fis-

subartikolu (2), debitament awditjati, flimkien ma' kopja ta' kwalunkwe rapport, li jkun sar mill-awditur, fuq dawk il-kontijiet.

(2) Ir-Regolatur għandu jara li jinżammu b'mod xieraq kontijiet u rekords finanzjarji oħra fir-rigward tal-operat tal-kariga tiegħu, u għandu jħejji rendikont tal-kontijiet fir-rigward ta' kull sena finanzjarja. Il-kontijiet tal-Uffiċċju tar-Regolatur għandhom jiġu verifikati minn awditur sabiex jiġu approvati mill-Ministru.

Taqsima VI
Reġistru ta' Organizzazzjonijiet ta' Intrapriża Soċjali

Reġistru ta' Organizzazzjonijiet ta' Intrapriża Soċjali.

16. (1) Għandu jkun hemm Reġistru ta' Organizzazzjonijiet ta' Intrapriża Soċjali (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ir-Reġistru") li għandu jinżamm mir-Regolatur u għandu jikkonsisti fl-informazzjoni li ġejja, appoġġjata mid-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafi (f) sa (l), hekk kif l-istess jistgħu jiġu emendati jew aġġornati kif jista' jkun preskritt:

(a) l-isem tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali;

(b) l-indirizz tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali;

(ċ) it-tikketta li tidentifika l-intrapriża soċjali tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali;

(d) l-ismijiet, in-numri tal-karti tal-identità jew numri tal-passaporti jew numri ta' reġistrazzjoni, jekk ikun hemm, flimkien ma' kopja awtentikata ta' dokument validu ta' identifikazzjoni jew ċertifikat ta' rikonoxximent, kif ikun applikabbli, u l-indirizzi residenzjali tal-amministraturi tal-organizzazzjoni;

(e) jekk l-amministraturi tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali ma jkunux kollha ordinarjament residenti f'Malta, l-isem, in-numru tal-karta tal-identità, in-numru tal-passaport jew numru ta' reġistrazzjoni jekk ikun hemm, inkluż kopja awtentikata ta' dokument validu ta' identifikazzjoni ta' persuna ordinarjament residenti f'Malta li taġixxi bħala rappreżentant lokali ta' dik l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali f'Malta;

(f) kopja awtentikata tal-istatut tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali u ta' kwalunkwe emenda li tkun saritlu;

(g) kopja awtentikata taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali maħruġ mir-

Reġistratur;

(h) il-kontijiet annwali tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali, flimkien ma' rapport tal-evalwaturi, accountants jew awdituri skont kif ikun meħtieġ taħt il-liġi applikabbli;

(i) ir-rapporti annwali tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali;

(j) organisational chart tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali;

(k) ir-rapport ta' impatt soċjali tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali;

(l) il-kunsens bil-miktub tal-amministraturi li jokkupaw kariga bħala amministraturi tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali wara r-reġistrazzjoni;

(m) riżoluzzjoni ffirmata mill-amministraturi tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali li tindika li huma ddeċiedew li jirreġistraw l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali mar-Regolatur; u

(n) kwalunkwe informazzjoni oħra li, fl-opinjoni tar-Regolatur, għandha tkun inkluża fir-Reġistru.

(2) Il-lista ta' ismijiet tal-organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali fir-Reġistru għandha tkun disponibbli malli ssir talba bil-miktub. Ebda informazzjoni jew materjal ieħor mir-Reġistru ħlief l-isem tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali u t-tikketta li tidentifika l-intrapriża soċjali m'għandha tkun disponibbli ħlief lill-awtoritajiet kompetenti li jagħtu benefiċċji msemmija f'dan l-Att.

(3) Ir-Regolatur għandu jikkompila u jżomm aġġornat ir-Reġistru skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data. Kap. 586.

Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

17. (1) Applikant jista' japplika biex jirreġistra billi jissottometti l-formola tal-applikazzjoni preskritta lir-Regolatur, liema formola għandu jkollha magħha:

(a) kopja awtentikata tal-istatut tal-applikant;

(b) kopja awtentikata taċ-ċertifikat ta' rikonoxximent tal-applikant jew, jekk ikun għadu mhux reġistrat, impenn li jipprovdi kopja awtentikata taċ-ċertifikat ta' rikonoxximent tal-applikant maħruġ mir-Reġistratur meta l-organizzazzjoni tiġi

reġistrata mar-Reġistratur;

(ċ) kopja awtentikata tal-karta tal-identità jew passaport jew ċertifikat ta' rikonoxximent tal-amministraturi tal-applikant;

(d) kopja awtentikata tal-karta tal-identità jew passaport jew ċertifikat ta' rikonoxximent tar-rappreżentant lokali tal-applikant, jekk ikun hemm;

(e) il-kontijiet annwali tal-applikant għall-aħħar sena qabel ir-reġistrazzjoni, jekk ikun hemm, flimkien ma' rapport tal-evalwaturi, accountants jew awdituri skont kif ikun mitlub taħt il-liġi applikabbli;

(f) ir-rapport annwali tal-applikant tal-aħħar sena finanzjarja qabel ir-reġistrazzjoni, jekk ikun hemm, li għandu jinkludi:

(i) deskrizzjoni tal-attivitajiet li jkunu saru mill-applikant; u

(ii) jekk l-applikant huwa wieħed li jista' jiġi kklassifikat taħt l-artikolu 3(1)(b)(i), indikazzjoni tal-għan soċjali li jkun qed jitwettaq permezz tal-att tal-kummerċ jew attività oħra; jew

(iii) jekk l-applikant ikun wieħed li jista' jiġi kklassifikat taħt l-artikolu 3(1)(b)(ii), tagħrif dwar il-persuni impjegati jew ingaġġati mill-applikant partikolarment ħaddiema b'diżabilità jew ħaddiema żvantaġġati;

(g) organisational chart tal-applikant li għandha tkun iffirmata minn tal-inqas amministratur wieħed u għandha tinkludi:

(i) l-istruttura organizzattiva tal-applikant;

(ii) indikazzjoni ta' min huma s-sidien benefiċċjarji aħħarin tal-ishma jew l-interessi fl-applikant;

(iii) deskrizzjoni tal-ġestjoni u l-istruttura amministrattiva tal-applikant, li turi r-responsabilità ta' kull bord jew kwalunkwe grupp ta' ħidma, ir-relazzjoni ta' kull bord u gruppi ta' ħidma ma' xulxin, u l-ġerarkija tal-ġestjoni u l-amministrazzjoni;

(iv) indikazzjoni ta' min hu responsabbli għall-funzjonament ta' kuljum tal-applikant;

(v) biex tiġi murija l-bażi tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-ismijiet u n-numri tal-identifikazzjoni ta' kull impjegat u, fil-każ ta' applikant li jista' jiġi klassifikat taħt l-artikolu 3(1)(b)(ii), il-persuni li jikkwalifikaw;

(vi) tagħrif dwar in-numru ta' voluntiera;

(h) rapport ta' impatt soċjali li jindika l-għan jew l-għanijiet soċjali primarji tal-organizzazzjoni kif ukoll il-mod li bih l-applikant ikun qed jippjana li jilħaq dawn l-għanijiet soċjali flimkien mal-mod li bih l-applikant jippjana kif ser jopera sabiex:

(i) ma jippreġudikax it-twettiq tal-għan soċjali li għalih ikun twaqqaf, jekk l-applikant huwa wieħed li jista' jiġi klassifikat taħt l-artikolu 3(1)(b);

(ii) ma jippreġudikax l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema żvantaġġati jew ħaddiema b'diżabilità jekk l-applikant huwa wieħed li jista' jiġi klassifikat taħt l-artikolu 3(1)(b)(ii);

(iii) ma jagħtix għotjiet b'xejn mill-qligħ jew bonuses lill-amministraturi, impjegati jew uffiċjali oħra li jwassalu għall-istess riżultati indikati fis-subparagrafi (i) u (ii);

(i) il-kunsens bil-miktub tal-amministraturi li ser ikunu fil-kariga bħala amministraturi tal-applikant wara r-reġistrazzjoni;

(j) riżoluzzjoni ffirmata mill-amministraturi tal-applikant li tindika li ddeċidew li jirreġistraw l-applikant mar-Regolatur;

(k) il-miżati tal-applikazzjoni dovuti lir-Regolatur; u

(l) kwalunkwe dokument ieħor li jista' jkun mitlub b'dan l-Att jew kif jista' jkun preskritt.

(2) Meta tkun qed tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni, u fi kwalunkwe żmien wara, ir-Regolatur jista' jitlob lill-applikant sabiex jipprovdi aktar informazzjoni dwar jew jagħmel dikjarazzjonijiet dwar kwalunkwe ħaġa li dwarha hu jista' jkollu xi riserva jew tħassib

fir-rigward tal-applikazzjoni.

(3) Ir-Regolatur jista' jaċċetta jew jirrifjuta kwalunkwe applikazzjoni għar-reġistrazzjoni abbażi ta':

(a) l-osservanza jew xort'oħra tal-formalitajiet kollha mitlubin b'dan l-Att jew kif jista' jkun preskritt;

(b) il-preżenza jew xort'oħra ta' kwalunkwe fattur li jimpedixxi r-reġistrazzjoni taħt dispożizzjoni espressa f'dan l-Att jew kif jista' jkun preskritt;

(ċ) il-legalità jew xort'oħra tal-għanijiet proposti u tal-objettivi tal-applikant wara li jkunu kkunsidrati l-għanijiet u l-objettivi espressi mill-applikant u l-intenzjonijiet espressi tal-promoturi fir-rigward tal-attivitajiet tiegħu;

(d) it-twettiq jew xort'oħra tal-obbligi relatati mal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skont il-liġi applikabbli; jew

(e) it-twettiq jew xort'oħra tal-obbligi relatati mal-ħlas ta' taxxi dovuti skont il-liġi applikabbli.

(4) Ir-Regolatur għandu:

(a) jagħti l-attenzjoni dovuta għall-informazzjoni pprovduta u d-dikjarazzjonijiet magħmula, iżda fl-eventwalità li l-applikant jonqos milli jipprovdi xi informazzjoni mitluba jew li jagħmel dikjarazzjonijiet, ir-Regolatur għandu jipproċedi bid-determinazzjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni abbażi tal-informazzjoni li għandu disponibbli;

(b) jiddeċiedi jekk l-applikant huwiex eliġibbli għal reġistrazzjoni bħala organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali;

(ċ) jinnotifika lill-applikant, bil-miktub, dwar id-deċiżjoni tiegħu, u f'każ li d-deċiżjoni tkun waħda li ma tilqax l-applikazzjoni, ir-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

(5) Ir-Regolatur għandu jara li jiddeċiedi l-applikazzjonijiet kollha mid-data tal-applikazzjoni.

(6) Ir-Regolatur għandu jippubblika konferma tal-eliġibilità biex wieħed jirreġistra l-applikant bħala organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali sabiex jiffaċilita r-reġistrazzjoni tal-applikant, jew dwar emenda fl-istatut tiegħu sabiex ikun konformi ma' dan l-Att, lir-Reġistratur li għandu jipproċedi bir-reġistrazzjoni skont il-liġi

applikabbli wara li jkun sodisfatt bil-konformità ma' tali liġi waqt li jitqiesu l-modifiki magħmula skont dan l-Att.

Reġistrazzjoni bħala organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali.

18. (1) Malli jkun sodisfatt li l-applikant huwa eliġibbli għal reġistrazzjoni skont dan l-Att, u wara li jirċievi kopja awtentikata taċ-ċertifikat ta' rikonoxximent tal-applikant jew kopja awtentikata tal-istatut aġġornat tal-applikant sabiex ikun konformi ma' dan l-Att maħruġ mir-Reġistratur, ir-Regolatur għandu jipproċedi biex jirreġistra l-applikant bħala organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali u għandu:

(a) jalloka numru uniku ta' reġistrazzjoni lill-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali li għandu jkun preċedut bl-ittri "SEO", liema ittri u numri għandhom jiġu kumulativament imsejħa f'dan l-Att bħala "t-tikketta li tidentifika l-intrapriża soċjali";

(b) jinserixxi d-dettalji tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali fir-Reġistru; u

(ċ) joħroġ ċertifikat ta' rikonoxximent inkluża t-tikketta li tidentifika l-intrapriża soċjali tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali.

(2) It-tikketta li tidentifika l-intrapriża soċjali għandha, fi kwalunkwe żmien, tkun ikkwotata mill-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali fuq kull materjal li jiġi ppubblikat, ittri, avviżi, reklami u kull dokument ieħor maħruġa minn dik l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali.

(3) Iċ-ċertifikati ta' rikonoxximent għandhom jiġu kkunsidrati bħala atti pubbliċi u għandhom jingħataw lir-Regolatur fuq sempliċi talba tiegħu bil-miktub. Ir-Regolatur għandu l-obbligu li jipprovdi bil-miktub ir-raġunijiet għal revoka ta' ċertifikat ta' rikonoxximent meta tkun qed issir it-talba bil-miktub.

(4) Iċ-ċertifikat ta' rikonoxximent maħruġ skont dan l-artikolu m'għandux jiddetermina l-istat fiskali tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali jew it-taxxabilità jew xort'oħra tad-dħul u t-transazzjonijiet tiegħu.

(5) L-amministraturi tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali jistgħu, wara riżoluzzjoni tad-detentur tal-ishma jew ta' drittijiet parteċipanti oħra fihom, jitlobu sabiex l-organizzazzjoni titneħħa mir-Reġistru wara li jingħata avviż tliet xhur qabel lir-Regolatur u f'dak il-każ ir-Regolatur għandu jipproċedi billi jħassar ir-reġistrazzjoni bla ħsara għall-ħruġ ta' kwalunkwe ordni taħt l-artikolu 22(5) li jista' jikkonsidra xieraq.

Prospett annwali li għandu jiġi preżentat lir-Regolatur.

19. (1) Organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għandha tissottometti l-prospett annwali li jinsab fir-Raba' Skeda lir-Regolatur sal-aħħar ta' kull sena kalendarja. Fin-nuqqas ta' dan, għandu jkun hemm penali ta' ħamsa u għoxrin euro (€25) għal kull xahar ta' dewmien. F'każ ta' ksur li jdum għaddej sa perjodu ta' sena, ir-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għandha tiġi mħassra u l-benefiċċji kollha għandhom jiġu minnufih rifużi u rimborżati.

(2) Il-prospett annwali ta' organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali għandu jkopri sena kalendarja mill-ewwel ġurnata ta' Jannar sal-wieħed u tletin ta' Diċembru ta' kull sena:

Iżda:

(a) jekk organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali tkun ġiet reġistrata bejn l-ewwel ġurnata ta' Jannar u t-tletin ta' Settembru ta' kwalunkwe sena, din għandha tissottometti l-prospett annwali b'mod normali iżda dak il-prospett annwali għandu, għall-ewwel sena biss, ikopri perjodu ta' inqas minn tnax-il xahar mir-reġistrazzjoni tiegħu;

(b) jekk organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali tkun reġistrata bejn l-ewwel ġurnata ta' Ottubru u l-wieħed u tletin ta' Diċembru ta' kwalunkwe sena, din m'għandhiex tissottometti prospett annwali fl-ewwel sena ta' reġistrazzjoni imma għandha tissottometti, għat-tieni sena biss, prospett annwali sal-wieħed u tletin ta' Diċembru inkluż is-sena ta' reġistrazzjoni għal perjodu ta' aktar minn tnax-il xahar iżda li ma jeċċedix il-ħmistax-il xahar.

(3) Il-prospett annwali u d-dokumenti kollha mitluba relatati mal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għandhom jiġu sottomessi mhux aktar tart mit-tletin ta' April tas-sena ta' wara.

Setgħat tar-Regolatur.

20. Ir-Regolatur jista' jitlob kull informazzjoni u kull kjarifika mill-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali, u jista' jwettaq ukoll kwalunkwe verifika, investigazzjoni jew awditjar sabiex ikun aċċertat għas-sodisfazzjoni tiegħu li dik l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali tosserva d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew kif jista' jkun preskritt. L-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali reġistrata għandha tara li tikkonforma ruħha ma' dik it-talba b'mod urġenti u fin-nuqqas ta' dan ir-Regolatur jista' jħassar ir-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali.

Kanċellament tal-attivitajiet.

21. (1) Ir-Regolatur jista' jordna l-kanċellament tar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali permezz tal-ħruġ ta' ordni ta' kanċellament, li għandu jidħol fis-seħħ fi żmien

tletin ġurnata mid-data ta' notifika ta' dik l-ordni, lill-amministraturi kollha jew xi wieħed minnhom, sakemm dik l-applikazzjoni ma tkunx laħqet ġiet sottomessa fi żmien il-perjodu previst fl-artikolu 26 f'liema każ dik l-ordni għandu jkollha effett jekk ikun hekk deċiż mid-data stabbilita mill-Qorti.

(2) Ordni ta' kanċellament tista' tinħareġ jekk l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali:

(a) ma tkunx qed twettaq l-għanijiet imsemmija fl-istatut;

(b) qed twettaq attivitajiet illegali jew qed taġixxi bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' xi liġi;

(ċ) qed tonqos milli tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-istatut tagħha jew ta' dan l-Att jew kif jista' jkun preskritt jew l-amministrazzjoni tagħha tkun qed issir fuq bażi fqira ta' governanza korporattiva u tkompli ssir b'dak il-mod għal perjodu ta' aktar minn tliet xhur minkejja li tkun saret twiddiba bil-miktub mir-Regolatur;

(d) qed tqassam il-qligħ direttament jew indirettament ogħla mill-ħamsa u għoxrin fil-mija li huwa permess taħt dan l-Att;

(e) tidher li kompliet topera wara li tkun ġiet formalment xolta;

(f) ma tkunx iffunzjonat għal perjodu li jeċċedi tnax-il xahar konsekuttivi;

(g) ma tkunx qed tfittex li żżomm u li tikseb l-għanijiet ta' dan l-Att;

(h) qed tuża ċ-ċertifikat ta' rikonoxximent tagħha b'mod skorrett jew tkun iffalsifikat kopja tiegħu; jew

(i) tkun kisbet reġistrazzjoni abbażi ta' informazzjoni materjalment skorretta jew mhux kompluta li kienet mod ieħor tirriżulta f'rifjut li kieku r-Regolatur sar jaf bl-informazzjoni skorretta jew mhux kompluta.

(3) Qabel ma jkun ordnat il-kanċellament tar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali bil-ħruġ ta' ordni ta' kanċellament, ir-Regolatur għandu jagħti lill-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali perjodu ta' żmien li fih tkun tista' tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha u tiġi konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Jekk l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali ma tagħmilx dan fil-perjodu ta' żmien stipulat, li jista' jkun estiż mir-Regolatur fid-diskrezzjoni tiegħu, ir-Regolatur għandu jordna l-kanċellament tar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali skont is-subartikolu (1).

(4) Ir-Regolatur jista' jaħtar kwalunkwe persuna sabiex tassisti l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali sabiex tirregolarizzza l-pożizzjoni tagħha.

(5) Sakemm ordni ta' kanċellament tidħol fis-seħħ skont is-subartikolu (1), l-attivitajiet tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għandhom ikomplu jiġu amministrati mill-amministraturi li għandhom iwettqu biss atti ta' amministrazzjoni ordinarja jew, f'każ fejn ikun hemm proċeduri legali pendenti, dawk l-attivitajiet li jistgħu jkunu awtorizzati mir-Regolatur jew mill-Qorti.

(6) L-ordni ta' kanċellament għandha tinkludi d-deċiżjonijiet kollha taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li r-Regolatur jew il-Qorti, skont kif ikun il-każ, jikkunsidraw li huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi u dik l-ordni m'għandhiex timponi restrizzjoni tad-dritt ta' assoċjazzjoni ta' kwalunkwe persuni involuti fl-organizzazzjoni jew tad-dritt ta' dawk il-persuni li jkomplu joperaw l-organizzazzjoni mingħajr il-benefiċċji kontinwati tar-reġistrazzjoni taħt dan l-Att.

(7) Ir-Regolatur għandu jippubblika, f'gazzetta waħda lokali jew permezz ta' avviż fis-sit uffiċjali tal-uffiċċju tar-Regolatur, skont kif ir-Regolatur jidhirlu li huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kwalunkwe ordnijiet tal-kanċellament li jkunu saru finali b'dikjarazzjoni fil-qosor dwar l-effetti tal-ordni u dik id-dikjarazzjoni għandha terġa' tiġi pubblikata regolarment sa meta r-Regolatur jista' jikkunsidra li jkun neċessarju sabiex jiżgura li l-pubbliku jsir jaf biha.

(8) Ir-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għandha tintemm *ipso iure* jekk l-organizzazzjoni tkun ġiet ikkanċellata mir-reġistru applikabbli għall-forma legali tagħha mir-Reġistratur.

Effetti tal-kanċellament tar-reġistrazzjoni.

22. (1) Fl-eventwalità ta' kanċellament ta' reġistrazzjoni ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali, l-amministraturi għandhom jagħmlu l-emendi kollha neċessarji fl-istatut tal-organizzazzjoni inkluż emendi fl-isem sabiex jitneħħew kwalunkwe referenzi għall-fraži "Intrapriża Soċjali" jew l-ittri "SEO".

(2) Minkejja dak kollu mniżżel fl-istatut tal-organizzazzjoni jew fi kwalunkwe liġi applikabbli, l-amministraturi tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali li tkun ġiet ikkanċellata jistgħu

jirriżolvu li jżommu l-organizzazzjoni fis-seħħ u għandhom jitqiesu li għandhom is-setgħat neċessarji u awtorità sabiex jagħmlu kull emenda fl-istatut sabiex ineħħu kull ħtieġa statutorja neċessarja imposta b'dan l-Att u sabiex l-istatut ikun konformi mal-liġi applikabbli għall-forma legali tiegħu jekk jiġi deċiż mill-amministraturi li jżommu dik ir-reġistrazzjoni fir-reġistru rilevanti.

(3) F'każ ta' kanċellament tar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali, l-amministraturi għandhom minnufih jagħtu lura lir-Regolatur iċ-ċertifikat ta' rikonoxximent ta' dik l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali u kwalunkwe persuna li tonqos milli tagħti lura dak iċ-ċertifikat fiż-żmien imsemmi fit-talba, bil-miktub, magħmula mir-Regolatur, tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att u meta tinstab ħatja, teħel multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250) u multa ta' tnax-il euro (€12) għal kull ġurnata ta' nuqqas.

(4) F'każ ta' kanċellament ta' reġistrazzjoni ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali, il-benefiċċji kollha mogħtija lil dik l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali permezz tar-reġistrazzjoni għandhom jieqfu mid-data ta' meta d-deċiżjoni għall-kanċellament tidħol fis-seħħ:

Iżda dak it-telfien ta' benefiċċji ma japplikax għall-atti meħtieġa sabiex tiġi likwidata u xolta l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali, inkluż kwalunkwe trasferiment tal-proprjetà lil organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali oħra kif mitlub mill-istatut tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali jew xort'oħra skont l-artikolu 9 jew id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli.

(5) Il-kanċellament għar-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 21 għandhom jintitolaw lir-Regolatur sabiex jitlob bil-miktub ir-rifużjoni ta', jew kumpens xieraq għal, kwalunkwe benefiċċji li tkun irċeviet l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali jew kwalunkwe persuna oħra permezz tar-reġistrazzjoni skont dan l-Att, u dik it-talba, meta tkun saret permezz ta' att ġudizzjarju, maħruġ skont l-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv kontra l-organizzazzjoni jew kwalunkwe amministratur imsemmi favur ir-Regolatur, f'ismu proprju jew bħala trustee tal-persuna intitolata għal rifużjoni jew kumpens xieraq kif fuq imsemmi. Kull persuna aggravata b'dik l-ordni tista' tagħmel rikors fil-Qorti fi żmien tletin ġurnata minn meta tirċievi t-talba: Kap. 12.

Iżda jkun hemm appell lill-Qorti tal-Appell minn kwalukwe konferma ta' responsabilità mill-Qorti skont dan is-subartikolu.

(6) Ordni tar-Regolatur kontra organizzazzjoni jew xi amministratur imsemmi għandha tkun infurzabbli bħala titolu eżekuttiv ġaladarba jkun hemm deċiżjoni li tkun *res judicata* jew jekk ma jkunu ttieħdu ebda proċeduri fil-perjodu rilevanti.

Użu abbużiv miċ-ċertifikat ta' rikonoxximent jew falsifikazzjoni tiegħu.

23. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra, f'dawk il-każijiet fejn ir-Regolatur huwa tal-opinjoni li persuna jew organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali qed tagħmel jew għamlet użu abbużiv miċ-ċertifikat ta' rikonoxximent maħruġ skont l-artikolu 18 jew tkun iffalsifikat jew għamlet użu minn ċertifikat iffalsifikat, ir-Regolatur jista':

(a) jipprojbixxi lil dik il-persuna milli tuża dak iċ-ċertifikat ta' rikonoxximent permezz ta' notifika bil-miktub indirizzata lil dik il-persuna; jew

(b) joħroġ stqarrijiet pubbliċi dwar il-fatti sabiex iwissi lill-pubbliku dwar kwalunkwe abbuż mill-persuna jew mill-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali.

(2) Qabel ma jieħu xi azzjoni msemmija fis-subartikolu (1)(a) jew (b), ir-Regolatur għandu jinnotifika bil-miktub, kull persuna jew organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali li jidhirlu li abbużaw miċ-ċertifikat ta' rikonoxximent, dwar is-sejbiet tiegħu u l-azzjoni li biħsiebu jieħu u dik il-persuna jew organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali jistgħu jagħmlu sottomissjonijiet lir-Regolatur fi żmien ħamest ijiem mid-data li jkunu rċevew in-notifika bil-miktub.

Taqsima VII
Rikorsi lill-Qorti

Rikorsi lill-Qorti.

24. Il-Qorti għandha tkun kompetenti li tisma' u tiddetermina kull rikors li jsir taħt dan l-Att u li jkun sar skont l-artikolu 25. Il-Qorti għandu jkollha ġuriżdizzjoni rigward kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmula taħtu meta l-ksur ma jikkostitwixxix reat kriminali.

Dritt għal reviżjoni tad-deċiżjoni tar-Regolatur.

25. (1) Kull persuna jew organizzazzjoni aggravata minn xi ordni ta' kanċellament maħruġa mir-Regolatur tista' tagħmel rikors fil-Qorti sabiex tiġi riveduta d-deċiżjoni fi żmien tletin ġurnata minn meta tkun irċeviet id-deċiżjoni.

Kap. 12.

(2) Ir-rikorsi għandhom isiru bil-miktub u għandhom jiġu preżentati fil-Qorti skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew għandhom isiru skont kif ikun preskritt bir-regolamenti magħmula mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-Att.

(3) Ir-rikorsi kollha għandhom isiru lill-Qorti u għandhom jiġu ppreżentati lir-Regolatur mill-applikant.

(4) Rikors lill-Qorti jista' jsir ukoll minn amministratur jew membru ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali għal ordni dwar l-attivitajiet ta' dik l-organizzazzjoni għal raġunijiet li dik l-organizzazzjoni ma tkunx qed tiġi amministrata skont dan l-Att, regolamenti jew linji gwida magħmula taħtu jew skont kif previst fl-istatut ta' dik l-organizzazzjoni.

(5) Fid-deċiżjoni dwar ir-rikors, il-Qorti tista' tirrifjuta r-rikors jew tannulla, tirrevoka jew tissostitwixxi d-deċiżjoni tar-Regolatur.

Osservanza tal-istruzzjonijiet.

26. L-osservanza tal-istruzzjonijiet tar-Regolatur m'għandhiex tiġi interpretata bħala rinunzja għad-dritt għar-reviżjoni tad-deċiżjoni tar-Regolatur.

Taqsima VIII
Reati

Pieni.

27. Meta xi persuna tikser xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew regolamenti jew linji gwidi magħmula taħtu, u ma jkunx hemm prevista penali speċifika għar-reat taħt dan l-Att jew xi regolamenti jew linji gwidi magħmula taħtu, dik il-persuna teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn mija u għoxrin euro (€120) iżda mhux aktar minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500).

Dispożizzjoni b'rabta ma' reati.

28. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jistabbilixxu reati u l-penali fir-rigward tagħhom m'għandhomx jaffettwaw l-operat ta' kwalunkwe liġi oħra li tistabbilixxi reati u penali fir-rigward tal-istess reati jew ommissjonijiet u m'għandhomx jaffettwaw l-applikazzjoni ta' penali ogħla taħt xi liġi oħra.

Falsifikazzjoni jew alterazzjoni ta' ċertifikati jew dikjarazzjoni falza jew użu ħażin tal-istatus.

Kap. 9.

29. Kull persuna li, bi kwalunkwe mod, tiffalsifika jew taltera ċertifikat ta' rikonoxximent ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali sabiex tagħti l-impressjoni li qed taġixxi f'isem l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali, jew li organizzazzjoni hija organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali meta ma tkunx, tkun ħatja ta' reat u teħel l-istess piena kif previst fl-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali.

Min jagħti x'jifhem li huwa amministratur.

30. Kull persuna li xjentement taġixxi jew tagħti x'tifhem li qed taġixxi bħala amministratur ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali mingħajr ma tkun appuntata jew magħżula bħala amministratur ta' dik l-organizzazzjoni, tkun ħatja ta' reat punibbli bħala kontravvenzjoni sakemm l-azzjonijiet ta' dik il-persuna ma jikkostitwixxux reat aktar serju taħt xi liġi oħra, f'liema każ ir-reat ikun punibbli skont kif ikun xieraq.

Użu abbużiv miċ-ċertifikat ta' rikonoxximent u dikjarazzjonijiet jew informazzjoni skorretti.

31. Kull persuna li -

(a) tagħmel użu abbużiv miċ-ċertifikat ta' rikonoxximent jew mit-tikketta li tidentifika l-intrapriża soċjali;

(b) taġixxi jew tagħti x'tifhem li qed taġixxi f'isem organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali li ma teżistix; jew

(ċ) mingħajr raġuni valida tħejji dikjarazzjoni skorretta jew tagħti informazzjoni skorretta fir-rigward ta' xi ħaġa li taqa' taħt dan l-Att,

tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att.

Abbuż mill-benefiċċji.

32. (1) Kull persuna li, bl-intenzjoni li tingħata xi benefiċċju taħt dan l-Att jew taħt regolamenti jew linji gwidi magħmula taħtu, jew li tassisti lil xi persuna biex tagħmel dan -

(a) tonqos milli tinkludi fi prospett annwali jew f'dokument jew dikjarazzjoni oħra magħmula għall-finijiet ta' dan l-Att jew kif jista' jkun preskritt, xi ħaġa li għandha tkun inkluża fihom; jew

(b) tagħmel dikjarazzjoni falza jew sottomissjoni f'xi prospett annwali jew kwalunkwe dokument jew stqarrija magħmula għall-finijiet ta' dan l-Att jew kif jista jkun preskritt; jew

(ċ) tagħti tweġiba falza, kemm verbalment jew bil-miktub, għal xi mistoqsija jew talba għal informazzjoni magħmula skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew kif jista' jkun preskritt; jew

(d) tħejji jew iżżomm jew tawtorizza t-tħejjija jew iż-żamma ta' xi kontijiet jew rekords oħra foloz jew tiffalsifika jew tawtorizza l-falsifikazzjoni ta' xi kontijiet jew rekords; jew

(e) tagħmel użu minn xi frodi, arti jew qerq jew tawtorizza l-użu ta' xi frodi, arti jew qerq,

tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att.

(2) Meta persuna tammetti jew tinstab ħatja ta' wieħed mir-reati fuq imsemmija, ir-Regolatur għandu, malli tinstab ħatja, jirrevoka kwalunkwe ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ lill-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali.

Investigazzjonijiet.

33. (1) Ir-Regolatur jista' jinvestiga l-operat ta' xi organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali fi kwalunkwe żmien u jista'

jitlob mingħand kwalunkwe persuna, bil-miktub, kull informazzjoni rilevanti u dokumentazzjoni relatata mal-operat tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali jew kwalunkwe persuna involuta fl-attivitajiet ta' organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali, jekk huwa jirċievi dak li huwa jikkonsidra li hu lment validu bil-miktub jew jekk għandu raġuni għaliex jemmen li dik l-informazzjoni hija neċessarja sabiex tistabbilixxi jekk organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali hijiex taġixxi b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew regolamenti jew linji gwidi magħmula taħtu.

(2) Kull persuna li tonqos milli tipprovdi informazzjoni u dokumentazzjoni kif intqal qabel, u teqred jew tisfigura dokumenti, jew tittanta teqred jew tisfigura dokumenti, mitluba mir-Regolatur skont dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat.

(3) Ir-Regolatur jista' joħroġ direttivi fejn jitlob l-osservanza ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew linji gwida magħmula taħtu u n-nuqqas minn xi persuna li tosserva dawk id-direttivi jikkostitwixxi ksur ta' dmir.

(4) Ir-Regolatur jista' jistabbilixxi perjodu għall-ossevanza ta' xi direttiva li jista' jagħmel jew għat-tħaris ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att jew regolamenti jew linji gwida magħmula taħtu u jista' jimponi pieni għal kull nuqqas ta' osservanza fi żmien l-imsemmi perjodu:

Iżda dawk il-pieni ma għandhomx jeċċedu elfejn u ħames mitt euro (€2,500) għall-ksur ta' direttiva u mija u għoxrin euro (€120) għal kull jum ta' nuqqas ta' konformità u dawk il-pieni għandhom jitħallsu lir-Regolatur.

(5) Talba taħt dan l-artikolu tista' wkoll tinbagħat lil persuna li hija marbuta bis-sigriet professjonali taħt l-Att dwar Segretezza Professjonali u għall-finijiet tal-artikolu 6A tal-imsemmi Att, ir-Regolatur għandu jkun ikkunsidrat bħala awtorità pubblika. Kull informazzjoni miksuba mir-Regolatur fuq dik it-talba għandha tkun użata esklussivament għall-finijiet ta' dan l-Att. Kap. 377.

(6) Kull persuna jew organizzazzjoni tista' tkun soġġetta għal aktar investigazzjonijiet u f'każ li jirriżultaw li huma ta' natura kriminali, ir-Regolatur għandu jirreferiha lill-Pulizija Eżekuttiva.

Taqsima IX
Ġenerali

Setgħat tal-Ministru.

34. (1) Il-Ministru jista' permezz ta' regolamenti jippreskrivi regolamenti sabiex jimplimenta b'mod xieraq id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u jista', mingħajr preġudizzju għall-

ġeneralità msemmija hawn qabel, bir-regolamenti:

(a) jemenda l-Iskedi;

(b) jirregola aktar organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali;

(ċ) iwaqqaf forom ta' notifika lir-Regolatur dwar bidliet fl-istatut tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali jew tal-amministraturi tagħha jew xort'oħra; u

(d) iwaqqaf aktar forom u l-kontenut tar-rapporti annwali u l-kontijiet li għandhom jiġu sottomessi lir-Regolatur sabiex jikseb livell sodisfaċenti ta' trasparenza u responsabbiltà ta' organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali.

(2) Il-Ministru jista', wara li jikkonsulta mal-Ministru rilevanti skont it-tip ta' benefiċċju jew inċentiv li jingħata, jagħmel regolamenti inkluż regoli differenti għal tipi differenti ta' organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali identifikati skont dan l-Att, u jista' jistabbilixxi l-kriterji għall-għoti ta' xi eżenzjonijiet, sħaħ jew partijiet minnhom, kif ukoll xi benefiċċji inklużi regoli fiskali fir-rigward ta' attivitajiet ta' organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali. Dawk ir-regolamenti jistgħu wkoll jistabbilixxu t-termini, kundizzjonijiet u forom ta' kwalunkwe ċertifikat fiskali, irċevuti jew dokumenti oħra li jistgħu jkunu neċessarji għat-tgawdija tal-istatus fiskali u r-regolamenti fuq imsemmija:

Iżda organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali li jkollhom ċertifikat validu ta' rikonoxximent biss jistgħu jibbenefikaw mill-inċentivi jew mill-għotjiet preskritti mill-Ministru.

L-EWWEL SKEDA
(Artikolu 3(2)(a))

Kumpanija ta' Intrapriża Soċjali

1. Kumpanija ta' intrapriża soċjali għandha tkun kumpanija b'responsabilità limitata privata inkluża kumpanija magħmula minn membru wieħed, reġistrata taħt l-Att dwar il-Kumpaniji. L-artikolu 213 tal-Att dwar il-Kumpaniji m'għandux japplika għal kumpanija ta' intrapriża soċjali għall-finijiet ta' dan l-Att.

Kumpanija privata.

Kap. 386.

2. Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V - Kumpanija ta' responsabilità limitata - tal-Att dwar il-Kumpaniji għandu japplika għal kumpanija ta' intrapriża soċjali soġġett għall-modifiki li ġejjin:

Taqsima V - Kumpanija ta' responsabbiltà limitata - tal-Att dwar il-Kumpaniji għandu japplika soġġett għal modifiki. Kap. 386.

(a) l-istatut tal-kumpanija tal-intrapriża soċjali għandu jiddikjara li hi organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali li tieħu l-forma legali ta' kumpanija skont dan l-Att;

Dikjarazzjoni dwar il-forma legali li għandha tkun inkluża fl-istatut.

(b) l-istatut ta' kumpanija ta' intrapriża soċjali għandu jiġi abbozzat b'tali mod li huwa konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att rigward l-istatut u l-artikolu 75 u l-Ewwel Skeda - Regolamenti li fuqhom timxi kumpanija ta' responsabilità limitata - tal-Att dwar il-Kumpaniji għandhom jinftiehmu skont hekk. Kumpanija ta' intrapriża soċjali għandha wkoll, sa fejn l-istatut tagħha hu kkonċernat, tosserva l-ħtiġiet tal-artikolu 69 tal-Att dwar il-Kumpaniji u l-artikolu 8;

X'għandu jkun fih l-istatut.

Kap. 386.

(ċ) minkejja dak li jinsab fl-Att dwar il-Kumpaniji, l-ishma kollha jew perċentwali tagħhom fil-kapital azzjonarju inizjali ta' kumpanija ta' intrapriża soċjali jistgħu jippermettu l-vot iżda ma jipparteċipawx sabiex ikunu konformi mal-ħtiġiet ta' dan l-Att.

Kap. 386.

3. Ir-referenza għall-għanijiet tas-soċjetà ta' intrapriża soċjali indikata fl-artikolu 69(1)(8) tal-Att dwar il-Kumpaniji għandha tinkludi wkoll id-dikjarazzjoni indikata fl-artikolu 8(2)(b).

Għanijiet tal-kumpanija ta' intrapriża soċjali. Kap. 386.

4. L-artikolu 144 tal-Att dwar il-Kumpaniji għandu jipprevali fuq l-artikolu 5.

Projbizzjoni ta' self, eċċ lid-diretturi. Kap. 386.

Dispożizzjonijiet relatati mad-dividendi, distribuzzjonijiet u d-dritt ta' parteċipazzjoni fil-profitti tal-kumpannija. Kap. 386.

5. (1) Kull dispożizzjoni fl-Att dwar il-Kumpaniji li jirrigwardaw dividendi u drittijiet ta' parteċipazzjoni fil-profitti ta' kumpanija għandhom ikunu interpretati b'dak il-mod sabiex ikunu konformi ma' dan l-Att sa fejn jirrigwarda l-ħamsa u sebgħin fil-mija tad-dħul fil-kumpanija ta' intrapriża soċjali u l-Kapitolu XI - Distribuzzjoni tal-Profitti u l-Attiv - li jinsab fit-Titolu I tat-Taqsima V tal-Att dwar il-Kumpaniji għandu jiġi interpretat skont hekk.

Kap. 386.

(2) L-artikolu 204 tal-Att dwar il-Kumpaniji għandu japplika wkoll għal kwalunkwe distribuzzjoni li hija kkunsidrata kontra l-liġi minħabba li tkun qed tinkiser xi dispożizzjoni ta' dan l-Att u b'mod partikolari l-artikolu 5 meta d-distribuzzjoni tkun iktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija kif inhu permess b'dan l-Att.

Xoljiment u stralċ. Kap. 386

6. It-Titolu II - Xoljiment u Stralċ ta' Kumpaniji - li jinsab fit-Taqsima V tal-Att dwar il-Kumpaniji għandu japplika għal kumpaniji ta' intrapriża soċjali bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 9.

Tibdil, amalgamazzjoni u qsim. Kap. 386.

7. It-Taqsima VII - Tibdil ta' Soċjetajiet Kummerċjali, it-Taqsima VIII - Amalgamazzjoni ta' Soċjetajiet Kummerċjali, u t-Taqsima IX - Qsim ta' Kumpaniji - tal-Att dwar il-Kumpaniji għandhom japplikaw għal kumpaniji ta' intrapriża soċjali:

Iżda kumpaniji ta' intrapriża soċjali jistgħu jamalgamaw biss ma' kumpaniji oħra ta' intrapriża soċjali:

Iżda wkoll għal dak li jirrigwarda qsim taħt din l-Iskeda dan ikun ristrett fil-kuntest ta' kumpaniji ta' intrapriża soċjali biss.

Protezzjoni ta' azzjonisti kontra preġudizzju mhux ġust. Kap. 386.

8. L-artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji għandu japplika għall-azzjonisti ta' kumpaniji ta' intrapriża soċjali b'mod li jkun konsistenti u li ma jiksirx id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Kontijiet, Verifika u Prospetti Annwali.

Kap. 386.

9. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u partikolarment l-artikolu 19 u r-Raba' Skeda fir-rigward ta' prospetti annwali għandhom japplikaw b'żieda mal-Kapitolu X - Kontijiet, Verifika u Prospett Annwali - li jinsab fit-Titolu I tat-Taqsima V tal-Att dwar il-Kumpaniji u d-dispożizzjonijiet rilevanti l-oħra kollha tal-Att dwar il-Kumpaniji fir-rigward ta' kontijiet u awditjar għandhom japplikaw.

Kap. 386.

(2) Kumpanija ta' intrapriża soċjali m'għandhiex għalfejn tipprepara kontijiet annwali addizzjonali għall-finijiet ta' dan l-Att u regolamenti magħmula taħtu. Kopja tal-kontijiet annwali ċċertifikata preparata skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpaniji għandha tiġi sottomessa lir-Regolatur li għandu jdaħħal dik il-kopja fir-Reġistru ta' Organizzazzjonijiet ta' Intrapriża Soċjali.

IT-TIENI SKEDA
(Artikolu 3(2)(b))

Soċjetà ta' Intrapriża Soċjali

1. L-istatut tas-soċjetà ta' intrapriża soċjali għandu jiddikjara li hija organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali li tieħu l-forma legali ta' soċjetà ta' intrapriża soċjali skont dan l-Att. Dikjarazzjoni dwar il-forma legali inkluża fl-istatut.

2. Kull ftehim biex jitħallas sehem mill-profitti bil-mod stabbilit fl-artikolu 8 tal-Att dwar il-Kumpaniji għandu jsir skont l-artikolu 5 u kull dispożizzjoni rilevanti oħra ta' dan l-Att. Ftehim biex jitħallas sehem mill-profitti. Kap. 386.

3. (1) F'każ ta' mewt jew espulsjoni ta' wieħed mis-soċji dak is-soċju għandu jkun intitolat għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-profitti kif inhu permess b'dan l-Att. Mewt ta' wieħed mis-soċji.

(2) M'għandux ikun hemm restrizzjoni fuq ir-radd lura ta' xi kontribuzzjoni ta' kapital taħt dan l-Att u dan hu permess soġġett għall-ħarsien tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpaniji. Kap. 386.

4. Id-dritt għal sehem pro rata mill-profitti msemmija fl-artikolu 34(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji għandu jkun konformi mal-artikolu 5 u jista' jkun hemm interessi mhux parteċipanti fis-soċjetà ta' intrapriża soċjali. Drittijiet ta' persuni li ma jibqgħux soċji. Kap. 386.

5. Kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti rigward ix-xoljiment u l-istralċ ta' soċjetajiet ta' intrapriża soċjali kontemplata fl-Att dwar il-Kumpaniji għandha tapplika b'dawk il-modifiki kif jista' jkun espressament jew impliċitament mitlub taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u b'mod partikolari bl-artikolu 9. Xoljiment u stralċ. Kap. 386.

6. It-Taqsima VII - Tibdil ta' Soċjetajiet Kummerċjali - u t-Taqsima VIII - Amalgamazzjoni ta' Soċjetajiet Kummerċjali - tal-Att dwar il-Kumpaniji għandhom japplikaw għal soċjetajiet ta' intrapriża soċjali: Tibdil u amalgamazzjoni. Kap. 386.

Iżda soċjetajiet ta' intrapriża soċjali jistgħu jamalgamaw biss ma' soċjetajiet ta' intrapriża soċjali oħra u skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar il-Kumpaniji. Kap. 386.

7. Kwalunkwe distribuzzjoni ta' xi attivi msemmija fl-artikolu 45, l-artikolu 47 u kull dispożizzjoni rilevanti oħra tal-Att dwar il-Kumpaniji għandha ssir jekk tkun permessa bl-artikoli 5 u 9 f'każ ta' soċjetajiet ta' intrapriża soċjali. Distribuzzjoni tal-attiv. Kap. 386.

Diviżjoni tal-kapital f'ishma. Kap. 386.

8. L-artikolu 66 tal-Att dwar il-Kumpaniji għandu japplika b'dawk il-modifiki kif jistgħu jiġu espressament jew impliċitament meħtieġa taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u b'mod partikolari l-artikolu 5 u meta l-kontribuzzjonijiet ikunu ġew ikkonvertiti f'ishma l-prinċipji tal-Ewwel Skeda għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Soċjetà *en commandite* jew soċjetà b'responsabbiltá limitata. Kap. 386.

9. L-artikolu 66A u l-Għaxar Skeda - Soċjetajiet *en commandite* jew soċjetajiet b'responsabbiltà limitata - tal-Att dwar il-Kumpaniji m'għandux japplika għal soċjetajiet ta' intrapriża soċjali.

Kontijiet, awditjar u prospetti annwali.

10. (1) F'każ ta' soċjetajiet ta' intrapriża soċjali, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u partikolarment l-artikolu 19 u r-Raba' Skeda rigward prospetti annwali għandhom japplikaw, b'żieda mal-Kapitolu 10 - Kontijiet, Awditjar u Prospetti Annwali - li jinsab fit-Titolu I tat-Taqsima V tal-Att dwar il-Kumpaniji u dispożizzjonijiet rilevanti oħra dwar kontijiet u awditjar li jinsabu fl-Att dwar il-Kumpaniji. Kap. 386.

(2) Soċjetà ta' intrapriża soċjali m'għandhiex għalfejn tipprepara kontijiet annwali addizzjonali għall-finijiet ta' dan l-Att u regolamenti magħmula taħtu. Kopja tal-kontijiet annwali ċċertifikata preparata skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpaniji, għandha tiġi sottomessa lir-Regolatur li għandu jdaħħal dik il-kopja fir-Reġistru ta' Organizzazzjonijiet ta' Intrapriża Soċjali. Kap. 386.

IT-TIELET SKEDA
(Artikolu 3(2)(ċ))

Koperativa ta' Intrapriża Soċjali

1. L-istatut tal-koperativa ta' intrapriża soċjali għandu jinkludi dikjarazzjoni li hija organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali li tieħu l-forma legali ta' koperativa ta' intrapriża soċjali. — Dikjarazzjoni dwar il-forma legali inkluża fl-istatut.

2. Sa fejn jirrigwarda isem il-koperativa ta' intrapriża soċjali jeħtieġ li dan ikun konformi mal-artikolu 24 tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi u mal-artikolu 8(3), (4) u (5) u l-koperativa ta' intrapriża soċjali għandu jkollha l-kliem "koperativa limitata" jew fil-qosor "co-op ltd." fl-aħħar tal-kliem tagħha kif meħtieġ bl-artikolu 24(2)(b) tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi wara l-kliem "Intrapriża Soċjali" jew l-ittri "SEO". — Isem il-koperativa ta' intrapriża soċjali. Kap. 442.

3. L-artikolu 34(2) u t-Tieni Skeda tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi għandu japplika kif modifikat bl-artikolu 8 u kull dispożizzjoni rilevanti oħra ta' dan l-Att u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi sa fejn ikun jirrigwarda l-istatut ta' koperativa ta' intrapriża soċjali. — Kontenut tal-istatut. Kap. 442.

4. (1) Id-deskrizzjoni ta' koperativa stabbilita fl-artikolu 21(1) tal-Att dwar is-Soċjetajiet tal-Koperativi għandu sa fejn jirrigwarda koperativi ta' intrapriża soċjali jinftiehem skont l-artikoli 3 u 4 u f'każ ta' konflitt bejn id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi u dan l-Att, dan l-Att għandu jipprevali. — Deskrizzjoni ta' koperativa u tat-tielet prinċipju ta' koperativa. Kap. 442.

(2) It-Tielet Prinċipju - Parteċipazzjoni Ekonomika tal-Membri - stabbilit fl-artikolu 21(2) tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi għandu jkun konformi mal-artikoli 5 u 9 u ma' kwalunkwe dispożizzjoni oħra applikabbli ta' dan l-Att u koperativa ta' intrapriża soċjali tista' tiddefinixxi interessi bħala mhux parteċipanti. — Kap. 442.

5. Il-proviso għall-artikoli 10 u 12 tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi m'għandux japplika għal koperativi ta' intrapriża soċjali u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jipprevalu. — Spezzjoni pubblika. Kap. 442.

6. L-artikolu 40 tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi għandu japplika kif modifikat bl-artikolu 5 u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jipprevalu fuq l-artikolu 40 tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi. — Bejgħ jew provdiment ta' oġġetti. Kap. 442.

7. Fil-każ ta' koperativi ta' intrapriża soċjali, sa fejn ħlasijiet ta' *allowances*, onorarja, pagi jew salarji huma kkonċernati kif stabbilit fl-artikolu 77 tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi, f'każ ta' kunflitt mal-artikolu 5, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 għandhom — Rimunerazzjoni. Kap. 442.

jipprevalu.

Distribuzzjoni-jiet ta' kwalunkwe nett residwu, proprjetà u fondi. Kap. 442.

8. (1) Kwalunkwe konsiderazzjoni u determinazzjoni dwar kif jiġi distribwit xi nett residwu msemmi fl-artikolu 66 tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi għandhom isiru skont l-artikolu 5 u kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att.

Kap. 442.

(2) L-artikoli 5 u 9 għandhom jipprevalu fuq it-Taqsima VII - Proprjetà u Fondi ta' Soċjetajiet - tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi u:

Kap. 442.

(a) sa fejn jirrigwarda koperativi ta' intrapriża soċjali, ir-regoli dwar il-qsim tal-fondi residwi msemmija fl-artikolu 92 tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi għandhom japplikaw kif modifikati bl-artikolu 5 u kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra ta' dan l-Att;

Kap. 442.

(b) sa fejn jirrigwarda koperativi ta' intrapriża soċjali, ir-regoli dwar ir-rimbors fost il-patrunat imsemmi fl-artikolu 93 tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi għandu japplika kif modifikat bl-artikolu 5 u kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra ta' dan l-Att;

Kap. 442.

(ċ) sa fejn jirrigwarda koperativi ta' intrapriża soċjali, ir-regoli dwar iċ-ċertifikati ta' bonus u ishma ta' bonus msemmija fl-artikolu 94 tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi għandhom japplikaw kif modifikati bl-artikolu 5 u kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra ta' dan l-Att.

Amalgamaz-zjoni. Kap. 442.

9. It-Taqsima VIII - Amalgamazzjoni - tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi għandha tapplika għal koperativi ta' intrapriża soċjali u l-koperativi ta' intrapriża soċjali għandhom ikunu permessi li jamalgamaw biss ma' koperativi oħra ta' intrapriża soċjali.

Xoljiment u Stralċ. Kap. 442.

10. It-Taqsima IX - Xoljiment u Stralċ ta' Soċjetajiet - tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi għandha tapplika kif modifikata bl-artikolu 9 u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jipprevalu fuq it-Taqsima IX tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi sa fejn jirrigwarda x-xoljiment u l-istralċ tal-koperativi ta' intrapriża soċjali u f'każ ta' xi konflitt bejn id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jipprevalu.

Kontijiet u awditjar. Kap. 442.

11. (1) It-Tielet Skeda - Forma u Kontenut tal-Kontijiet Individwali - inkluża kull dispożizzjoni oħra tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi li tirrigwarda kontijiet u awditjar għandha tapplika għal koperativi ta' intrapriża soċjali iżda għandha tinftiehem skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Koperativa ta' intrapriża soċjali m'għandhiex tintalab biex tipprepara rendikonti annwali addizzjonali għall-finijiet ta' dan l-Att u regolamenti magħmula taħtu. Kopja tar-rendikonti ċertifikati annwali għandha tiġi sottomessa lir-Regolatur li għandu jdaħħal dik il-kopja fir-Reġistru tal-Organizzazzjonijiet ta' Intrapriża Soċjali.

IR-RABA' SKEDA
(Artikolu 19)

Prospetti annwali

Għan

L-għan ta' dan il-prospett annwali huwa sabiex jipprovdi lir-Regolatur informazzjoni dettaljata dwar l-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali, l-amministraturi tagħha u l-attivitajiet tagħha, b'mod ġenerali. Huwa importanti li l-eżerċizzju jkun wieħed kwalitattiv sabiex il-persuni li jkunu qegħdin iħejju l-prospetti annwali jagħtu akkont veru tal-fatti.

Isem tal-Organizzazzjoni ta' Intrapriża Soċjali: .....

Tikketta li tidentifika l-Intrapriża Soċjali: .....

Indirizz: .....

.....

Kodiċi postali .....

Numru/i tat-telefon: .....

Numru tal-*Fax*: .....

Indirizz/i elettroniku/elettroniċi: .....

Sit tal-web: .....

Isem tal-persuna li magħha għandu jsir kuntatt: .....

Pożizzjoni: .....

Numru tat-telefon/telefon ċellulari: .....

A 236

Prospetti annwali tal-perjodu tat-tnax-il xahar .....

Jekk l-organizzazzjoni tal-intrapriża soċjali għandha tinnomina rappreżentant lokali skont dan l-Att jekk jogħġbok agħti d-dettalji tar-rapreżentant lokali hawn taħt. Jeħtieġ li l-indirizz li jkun inserit ikun l-indirizz tar-rappreżentant lokali f'Malta.

Isem u kunjom: .....

Numru tal-Karta tal-Identità / Passaport / Numru ta' Reġistrazzjoni: .....

Indirizz: .....

.....

Kodiċi postali: .....

Numru/i tat-telefon: .....

Numru tat-telefon ċellulari: .....

Indirizz/i elettroniku/elettroniċi: .....

Dikjarazzjoni ta' kompletezza u korretezza.

Jiena hawn nikkonferma li d-dettalji provduti, inklużi l-Appendiċi annessi, huma kompleti u veritiera fil-kontenut tagħhom.

Firma tal-amministratur: .....

Isem l-amministratur: .....

Data: .....

Appendiċi

Appendiċi A - *Organisational Chart* _____

Appendiċi B - kopja awtentikata u aġġornata tal-istatut tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali kif maħruġ mir-Reġistratur, jekk ikunu saru xi emendi f'dak l-istatut u f'dak il-każ għandha tiġi ffirmata dikjarazzjoni minn tal-inqas amministratur wieħed li jispjega x'emendi jkunu saru _____

Appendiċi Ċ - kopja tal-kontijiet annwali flimien mar-rapport tal-evalwaturi, *accountants* u awdituri skont kif ikun meħtieġ taħt il-liġi applikabbli _____

Appendiċi D - kopja tar-rapport annwali _____

Appendiċi E - kopja tal-pjan tan-negozju _____

Appendiċi F - kopja awtentikata ta' kwalunkwe karti tal-identità jew passaporti jew ċertifikati ta' rikonoxximent tal-amministraturi u tar-rappreżentanti lokali tal-organizzazzjoni ta' intrapriża soċjali mġedda (jekk applikabbli) _____

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 546 tad-9 ta' Frar, 2022.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati